**Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011**

# *10 Snin Impenn Mużikali 2011-2021*

# L-Istorja tal-Banda Mġarrija

# Daħla

Il-ħsieb li nippubblikaw dan il-ktieb kien biex l-istorja u dak li għaddiet minnu s-Soċjetà tagħna jibqgħu mfakkra u jkunu aċċessibbli għal dawk ta' warajna. Din storja reali li jien għext flimkien ma' sħabi u magħkom l-Imġarrin biex illum, fis-sena 2021, qed niċċelebraw l-10 sena mit-twaqqif tal-banda Mġarrija: ***10 Snin Impenn Mużikali***.

Flimkien għexna bosta episodji sbieħ. Iltqajna ma' diversi problemi u xkiel però bl-għaqda ta' bejnietna għelibniehom u komplejna nikbru u nissaħħu.

Jien u ninseġ din il-kitba, għalkemm kull episodju u jum li għaddiet minnu l-għaqda tagħna għadhom stampati sew f'moħħi, erġajt iffriskajt il-memorja u għext dawk il-mumenti li sawru l-ġrajja tal-banda Mġarrija.

F'din il-kitba semmejt dak kollu li kien importanti biex is-Soċjetà twieldet u kompliet tikber. Pruvajt li b'din kitbiti dawk li jiġu warajna jkunu jistgħu jgħixu huma wkoll il-mumenti li għexna aħna f'dawn l-għaxar snin li għaddew.

Dan ix-xogħol għamiltu b'dedika speċjali lil dawk kollha li sawru din l-istroja ta' ***10 Snin Impenn Mużikali***. Radd ta' ħajr lill-familja tiegħi, lil sħabi tal-kumitat u l-familji tagħhom, li flimkien għamilna s-sagrifiċċju biex wasalna sa hawn.

Żgur li ma konniex naslu li kieku l-patruna tagħna Santa Marija ma kinitx magħna f'kull ħin u mument. Mhux ta' b'xejn missirijietna lilha għażlu biex tkun Omm l-Imġarr u aħna wliedha – ulied l-Imġarr b'kult Marjan.

***Joseph Caruana***

# 10 Snin Impenn Mużikali

Kien propju ftit ġimgħat wara l-festa titulari tas-sena 2011 meta jien, Joseph Caruana, bdejt infittex xi nies biex flimkien inwettqu l-ħolma li l-Imġarr, bħal kull raħal ieħor, ikollu l-banda tiegħu.

Wara diversi ġimgħat sar l-ewwel pass. Nhar it-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2011 fil-maħżen tal-knisja saret l-ewwel laqgħa tal-kumitat ad hoc ta' din is-Soċjetà ġdida. Għal din il-laqgħa flimkien miegħi attendew Giovanni Gatt, Clayton Gauci, Silvio Camilleri, Victor Mifsud u Paul Said. Ġie deċiż li jibdew jinġabru l-membri, biex kif jintlaħaq numru konsiderevoli tissejjaħ laqgħa ġenerali u titwaqqaf uffiċjalment is-Soċjetà.

L-aħbar li fl-Imġarr se titwaqqaf banda mill-ewwel ġriet. Ir-reazzjonijiet kienu mħallta: kien hemm min ħa pjaċir iżda oħrajn ma kinux daqshekk pożittivi u ottimisti li din il-ħolma xi darba ssir realtà.

Il-kumitat b'determinazzjoni baqa' miexi 'l quddiem. Kienu diġà nġabru diversi membri u x-xogħol fuq l-istatut kien kważi lest. Jien, bħala s-Segretarju ad hoc, kont ħadt ħsieb nikteb dan l-istatut, b'konsultazzjoni mal-Għaqda Każini tal-Banda u mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji. Kulma kien jonqos kien li l-istatut jiġi vverifikat f'dak li hu l-aspett legali. Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-Avukat Ingrid Fenech.

Fil-11 ta' Ottubru 2011 saret it-tieni laqgħa tal-kumitat ad hoc, din id-darba f'Ta' Swiegel Farmhouse fi Triq Sir Harry Luke,


SOĊJETA' FILARMONIKA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA MĠARR A.D.2011
ad hoc
c/o 48 Santa Marija Triq il-Kbira L-Imġarr

12 ta' Ottubru 2011.

Għażiż Membru,

F'isem sħabi tal-kumitat ad hoc tas-soċjeta tagħna nixtieq nirringrazzjak talli għoġbok tissieħeb magħna. Permess ta din i`-`irkulari qed nistiednek sabiex tattendi għall-ewwel Laqgħa Ġenerali tas-Soċjeta. F'din il-laqgħa ser jiġi approvat il-kumitat eżekuttiv għas-sentejn li ġejjin u affarijiet oħra.

Il-laqgħa se ssir fil-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr għada l-Ħamis 13 ta'Ottubru 2011 u tibda fit-7.45pm. F'każ li sa dak il-ħin ma jkunx hemm kworum (20 fil-mija tal-membri )il-laqgħa tibda nofs siegħa wara.

Filwaqt li nirringrazzjak tal-koperazzjoni u s-support int mitlub tattendi u tkun fil-ħin.

Viva Santa Marija Mtelgħa s-Sema.

Inselli għalik,

Joseph Caruana
Segretarju ad hoc

*Kopja taċ-ċirkulari li ntbagħtet lill-membri, li fiha ġew infurmati bid-dettalji tal-ewwel laqgħa ġenerali*

l-Imġarr. Għal din il-laqgħa attenda Christian Vella, biex mela l-post battal li ħalla Silvio Camilleri, li ma xtaqx ikompli fil-kumitat. Waqt din il-laqgħa ġie deċiż li fit-13 t'Ottubru 2011 tinżamm l-ewwel laqgħa ġenerali tas-Soċjetà biex matulha titwaqqaf uffiċjalment is-Soċjetà. Ġie deċiż ukoll li l-għada titqassam ċirkulari lill-membri kollha biex jiġu mistiedna jattendu għal din il-laqgħa. Għal-laqgħa ġenerali ġew mistiedna l-Avukat Ingrid Fenech biex tmexxi l-laqgħa u s-Segretarju tal-Għaqda Każini tal-Banda ta' dak iż-żmien, il-mibki Joseph C. Azzopardi.

Il-jum tat-13 t'Ottubru 2011 wasal u l-membri attendew bi ħġarhom għat-twaqqif tal-banda tal-Imġarrin. Kien għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija meta fil-bini tal-kunsill lokali twaqqfet uffiċjalment din is-Soċjetà, li rabtet isimha mal-patruna ta' raħalha – Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011. Waqt din il-laqgħa, filwaqt li ġie approvat l-istatut tas-Soċjetà, inħatar l-ewwel kumitat eżekuttiv. Il-kumitat eżekuttiv inħatar hekk:

**President:** Giovanni Gatt

**Segretarju Ġenerali**: Joseph Caruana

**Kaxxiera:** Mary Abela

**Viċi President:** Clayton Gauci

Filwaqt li Victor Mifsud, Angela Muscat, Paul Said u Christian Vella nħatru membri fil-kumitat. Il-kappillan ta' dak iż-żmien Fr Antoine Borg inħatar direttur spiritwali tas-Soċjetà.



*Dawk li mexxew l-ewwel laqgħa ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Mix-xellug għal-lemin: Joseph Caruana (Segretarju), Giovanni Gatt (President), Dr Ingrid Fenech, Joseph C. Azzopardi (Segretarju tal-Għaqda Każini tal-Banda) u Clayton Gauci (Viċi President)*




*L-istatut tas-Soċjetà*



*Ta' Swiegel Farmhouse, fejn saru diversi laqgħat tal-kumitat*

L-ewwel laqgħa tal-kumitat eżekuttiv inżammet f'Ta' Swiegel Farmhouse nhar it-Tlieta, 18 t'Ottubru 2011.

Il-kumitat mill-ewwel ħaseb biex jibda jgħallem il-mużika lill-Imġarrin. Għalhekk intlaħaq ftehim mat-tmexxija tal-Oratorju Qalb Bla Tebgħa ta' Marija biex l-għaqda tuża l-oratorju kemm biex tgħallem il-banda lit-tfal tal-Imġarr u saħansitra biex isiru l-laqgħat tal-kumitat. Il-pass li jmiss kien li jintgħażel surmast direttur. Il-kumitat għażel lil Mro Mario Testa biex ikun l-ewwel surmast direttur tal-banda.



*Ir-rigali li kienu nġabru biex jittellgħu f'lotterija waqt l-ewwel attività organizzata mill-banda tal-Imġarr*

Il-finanzi kienu limitati għas-Soċjetà. Fil-fatt ġiet organizzata attività nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru 2011 f'Tal-Qiegħa Recreation Bar fi Triq Fisher, l-Imġarr biex jinġabru ftit fondi. Waqt din l-attività l-kumitat ippreżenta s-Surmast Mario Testa lil dawk preżenti.



*Membri tal-kumitat u helpers waqt l-ewwel attivita tal-għaqda*



*Il-membri tal-kumitat waqt il-preżentazzjoni tas-Surmast Mario Testa*

Bla telf ta' żmien saret stedina lir-residenti kollha Mġarrin biex min jixtieq jitgħallem il-banda, nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2011 jattendi l-oratorju bejn il-5 u s-7 ta' filgħaxija għal-lezzjonijiet. Mill-ewwel deher li se jkun hemm rispons tajjeb, għax minn meta tqassmet l-istedina sa dakinhar tal-lezzjonijiet it-telefonati ma qatgħu xejn.



*Waqt il-laqgħa li saret għal dawk imħajrin jibdew jitgħallmu l-banda*

Il-jum tat-23 ta' Novembru wasal u l-oratorju kien mimli bit-tfal u ż-żgħażagħ. Minn raħal ċkejken attendew madwar 40 persuna biex jibdew jitgħallmu l-banda.

Sadanittant is-Segretarju kien diġà applika biex is-Soċjetà tikseb ir-reġistrazzjonijiet meħtieġa. Fit-30 ta' Novembru 2011 is-Soċjetà tagħna

SOĊJETA' FILARMONIKA MARIJA MTELLĦĦA S-SEMA MĠARR A.D.2011
ad hoc
c/o 48 Santa Marija Triq il-Kbira L-Imġarr

5 t'Ottubru 2011

Lill-Kapillan,
47,
Triq Dun Edgar,
Mġarr

Rev Kapillan,

Permess ta' din l-ittra nixtieq ninfurmak li l-bieraħ nŻammet l-ewwel laqgħa tal-kumitat ad hoc li ser jieħu ħsieb t-twaqqif ta' banda fl-Imġarr.

Il-Kumitat ad hoc hu iffurmat kif ġej:

President Is-Sur Giovan Gatt
Segretarju Is-Sur Joseph Caruana
Kaxxier Is-Sur Silvio Camilleri
Vi`I President Is-Sur Clayton Gauci
Asst Segretarju Is-Sur Edgar Sammut
Asst' Kaxxier Is-Sur Paul Said
P.R.O. Is-Sur Vitor Mifsud.

Fil-ġimgħat li ġejjin ser tinŻamm l-ewwel Laqgħa Ġenerali fejn matula jin-ħatar l-ewwel Kumitat EŻekuttiv .

Filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-koperazzjoni tiegħek napprezzaw ħafna li tkun ta' għajnuna sabiex l-ideja taħna ssir rejalta u nkomplu nkabbru l-Festa titulari u nkunu ta' servizz għall-lokal għaŻieŻ tagħna.

Inselli għalik,

Joseph Caruana
Segretarju ad hoc
Mob 79674678

*Korrispondenza li ntbagħtet lill-kappillan ta' dakinhar li fiha ġie infurmat bil-kumitat li se jieħu ħsieb it-twaqqif tal-banda*

SOĊJETA' FILARMONIKA MARIJA MTELLĦĦA S-SEMA MĠARR A.D.2011
ad hoc
c/o 48 Santa Marija Triq il-Kbira L-Imġarr

5 t'Ottubru 2011

Lis-Supretendent,
Għassa tal-Pu;izija,
Mosta

Sinjur,

Permess ta' din l-ittra nixtieq ninfurmak li l-bieraħ nżammet l-ewwel laqgħa tal-kumitat ad hoc li ser jieħu ħsieb t-twaqqif ta' banda fl-Imġarr.

Il-Kumitat ad hoc hu iffurmat kif ġej:

President Is-Sur Giovan Gatt
Segretarju Is-Sur Joseph Caruana
Kaxxier Is-Sur Silvio Camilleri
Vi`I President Is-Sur Clayton Gauci
Asst Segretarju Is-Sur Edgar Sammut
Asst' Kaxxier Is-Sur Paul Said
P.R.O. Is-Sur Vitor Mifsud.

Fil-ġimgħat li ġejjin ser tinżamm l-ewwel Laqgħa Ġenerali fejn matula jin-ħatar l-ewwel Kumitat Eżekuttiv .

Filwaqt li nirringrazzjak bil-quddiem tal-koperazzjoni tiegħek napprezzaw ħafna li tkun ta' għajnuna sabiex l-ideja tagħna ssir realta u nkomplu nkabbru l-Festa titulari u nkunu ta' servizz għall-lokal għażież tagħna.

Inselli għalik,

Joseph Caruana
Segretarju ad hoc
Mob 79674678

*Ittra mibgħuta lill-Pulizija li fiha ġiet infurmata bit-twaqqif tal-banda*


FORMOLA A

**Uffiċċju tal-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji**

Blokk C, Belt Is-Sebh, Floriana. FRN 1700
Tel: (+356) 2568 7261
Fax: (+356) 2568 7265
Email: vo@gov.mt

## APPLIKAZZJONI

ghall-Iskrizzjoni ta' Organizzazzjoni bħala Organizzazzjoni Volontarja

Skond l-Artikolu 13 ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji

Noti biex jghinu persuni japplikaw ghal iskrizzjoni ta' organizzazzjoni bhala organizzazzjoni volontarja theijew mill-Uffiċċju tal-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji. Fihom jitfissru t-termini rilevanti u l-process ghall-applikazzjoni u konsiderazzjoni ta' l-applikazzjonijiet.

Isem ta' l-Organizzazzjoni: SOCJETA FILARMONIKA MARIJA MTELLGHA S-SEMA MGARR
Indirizz ta' l-Organizzazzjoni: 48 STA MARIJA TRIQ IL-KBIRA MGARR
Numru tat-Telefon: 79674678 Numru tal-Fax:
E-mail: 
Applikazzjoni ikkunsenjata minn: JOSEPH CALLANO – SEGRETARJU GENERALI

**Lill-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji:**

L-applikant, bil-preżenti, qed japplika ghall-iskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni msemmija hawn fuq a termini ta' artikolu 13 ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji.

L-applikant, bil-preżenti, qed jaghmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin u jaghti l-informazzjoni li ġejja dwar l-organizzazzjoni bl-attenzjoni dovuta u in bona fede ghall-iskopijiet ta' iskrizzjoni.

L-applikant jiddikara li:
(i) il-persuni kompetenti fl-organizzazzjoni ghaddew riżoluzzjoni li jiskrivu lill-organizzazzjoni mal-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji;
(ii) il-kundizzjonijiet taht l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji fir-rigward tal-forma[1], skopijiet[2], kontroll[3] u amministrazzjoni[4] ġew sodisfatti;
(iii) l-organizzazzjoni tikkwalifika bhala volontarja[5] u ma taghmilx profitt[6] u ebda persuna m'ghandha xi interess privat fil-kapital jew dhul taghha.

**L-informazzjoni li ġejja qed tinghata biex tirfed din l-applikazzjoni:**
*(immarka skond kif applikabbli):*

**Forma Legali:**

- [ ] fondazzjoni
- [x] assoċjazzjoni ta' persuni
- [ ] *trust*
- [ ] organizzazzjoni temporanja (artikolu 16 ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji)
- [ ] ohra *(jekk joghġbok speċifika)*

*Kopja tal-applikazzjoni li ġiet sottomessa biex l-għaqda tiġi reġistrata bħala NGO*


Reference: App. Enrol/577/11

Date: 14/10/2011

Receipt for the sum of **40 Euro** registration fee, for enrolment with the Commissioner for Voluntary Organisations in accordance with the Voluntary Organisations Act.

Name of Organisation: Soċjeta' Filarmonika Marija Mtella s-Sema, Mgarr A.D. 2011

Address: c/o 48, Santa Marija, Triq il-Kbira, Mgarr

Telephone Number: 79674678

Sebastian Micallef
Office of the Commissioner for Voluntary Organisations
Block C, Beltissebh,
Floriana FRN 1700
Tel: 25687261
vo@gov.mt

**Paid by :** Cash

COMMISSIONER FOR VOLUNTARY ORGANISATIONS

*Kopja tal-irċevuta tal-ħlas biex l-għaqda tiġi reġistrata bħala NGO*

saret l-ewwel għaqda fl-Imġarr reġistrata bħala NGO. In-numru tar-reġistrazjjoni mogħti lilha kien VO/0577. Ftit ġranet wara s-Soċjetà ġiet ukoll reġistrata bħala persuna ġuridika. Dan b'ċertifikat mogħti lilha datat 20 ta' Diċembru 2011. Il-kumitat kien ħa ħsieb ukoll li jinforma lill-kappillan, il-Kurja u l-awtoritajiet li fl-Imġarr twaqqfet banda.

Il-lezzjonijiet tal-banda qabdu ritmu tajjeb u l-kumitat baqa' miexi bil-ħidma tiegħu filwaqt li ħaseb biex ikollu l-arma uffiċjali. Bord maħtur apposta għażel id-disinn tal-artist Albert Borda.

Biex jinġabru iktar fondi l-President Giovanni Gatt ħareġ bl-idea li jitqassmu l-envelopes fid-djar u jinġabru triq triq. Kien f'dan iż-żmien li l-kumitat ordna l-istrumenti tal-perkussjoni bi spiża totali li laħħqet l-€1,700.




*L-arma uffiċjali tas-Soċjetà*

# 2012



SOĊJETA' FILARMONIKA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA L-IMĠARR A.D.2011

Diċembru 2011

Ħbieb,

Kif tafu is-soċjeta' tagħna bdiet tagħllem il-muŻika bla ħlas.Numru sabiħ ta' tfal,u ŻgħaŻagħ laqgħu l-istedina tagħna u bdew jitgħalmu strument mal-banda tagħna. Filwaqt li qed noffru dan is-servizz bla ħlas ,is-soċjeta għandha diversi spejjeŻ biex tħllas għat-tagħlim. Barra minhekk irridu nibdew naħsbu biex nixtru l-istrumentatura.Inizjalment għandna bŻonn nixtru l-istruemnti tal-perkussjoni u nagħmlu l-istandard tas-soċjeta'.L-ispiŻa ta' l-istrumenti tal-perkussjoni tlaħħaq s-somma ta' €2300,filwaqt li l-istandard jiswa madwar €1000.

Filwaqt li nifhmu li f'dawn il-jiem kullħadd jkollu ħafna spejjeŻ aħna ċerti li xorta se tkunu ġeneruŻi magħna u tikkontribbwixxu b'donazzjonijiet xierqa.Ma' din in-nota qed inqassmu *enevelope*.F'nhar il-Milied filgħodu,il-President ħabbrieki tagħna is-Sur Giovanni Gatt (Mob 99441502) flimkien ma xi membri tal-kumitat se jiġu jiġbru dan l-*enevelope* bil-għotja tagħkom.Nitolbukom tkunu ġeneruŻi sabiex inkomplu ninvestu fikom u f'uliedkom u barra minnhekk ma ndumux ma nferħukom bin-noti ħelwin tal-banda tagħna.

F'isem sħabi tal-kumitat nerġa nirringrazzjakom u nixtieq nawguralkom l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-sena l-ġdida.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema u Viva l-Banda ta' l-imġarrin.

Tislijiet,

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali
Mob 79674678

*Avviż li kien tqassam mal-envelope biex ir-residenti jkunu mgħarrfa bil-ħidma tal-għaqda*

Fi Frar 2012, waqt laqgħa tal-kunsill tal-Għaqda tal-Każini tal-Banda, is-Soċjetà tagħna, dakinhar rappreżentata mis-Segretarju Joseph Caruana, ġiet affiljata bħala membru f'din l-assoċjazzjoni tal-baned Maltin u Għawdxin.

Imma sfortunatament il-kumitat ma damx ma sab ma' wiċċu problema kbira. F'ittra datata 11 t'April 2012, mibgħuta mill-kumitat tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija, il-kumitat ġie infurmat li b'effett immedjat is-Soċjetà ma kellhiex tibqa' tagħmel użu minn dan il-post.

Ma seta' jintuża għal ebda skop, jiġifieri la għat-tagħlim, la għal-laqgħat u wisq anqas għall-attivitajiet. Ir-raġuni mogħtija fl-ittra kienet li l-oratorju għandu jintuża biss għall-formazzjoni spiritwali u reliġjuża. Il-kumitat tal-banda aċċetta d-deċiżjoni tal-kumitat tal-oratorju u bagħatlu ittra ta' ringrazzjament flimkien ma' donazzjoni ta' €50 bħala apprezzament għaż-żmien li dam juża l-oratorju, jiġifieri minn Novembru 2011 sa April 2012. Dan kien ifisser li kien jeħtieġ jinstab post fejn isiru t-tagħlim tal-banda u l-laqgħat tal-kumitat. F'dan iż-żmien Paul Said irriżenja mill-kumitat minħabba raġunijiet personali.

Il-President mill-ewwel offra l-post tiegħu, Ta' Swiegel Farmhouse, biex il-laqgħat jinżammu hemm, u l-kunsill lokali offra l-binja tiegħu biex isir it-tagħlim tal-banda.

B'hekk it-tagħlim tal-mużika baqa' miexi u ma waqaf qatt. Ftit jiem wara numru sabiħ ta' allievi kienu waslu biex jibdew jipprattikaw bl-istrument. Ġara iżda li sfortunatament, minħabba għajdut li kien hawn li l-banda ma kinitx se tkompli, xi ġenituri tal-allievi bdew jaħsbuha darbtejn jixtrux strument lit-tfal tagħhom.

Il-kumitat iddeċieda li jagħmel laqgħa għall-allievi u l-ġenituri u f'din il-laqgħa spjega li l-kumitat hu determinat li jibqa' miexi 'l quddiem. Il-ġenituri fehmu l-pożizzjoni tal-kumitat u kkonvinċew ruħhom, tant li bdew jixtru l-istrumenti.

Il-kunsill lokali minn dejjem kien fuq quddiem biex jgħin lis-Soċjetà tagħna. Nhar il-Ħadd, 6 ta' Mejju 2012 il-kunsill tella' tifkira biex ifakkar il-vittmi Mġarrin tal-gwerra. Għal din l-okkażjoni talab l-għajnuna tas-Soċjetà biex tieħu ħsieb issib bandisti hi biex jieħdu sehem f'din l-attività. Fl-istess jum it-tim tal-futbol tal-Mġarr United kellu logħba deċiżiva biex jiġi promoss fit-tieni diviżjoni. Il-kumitat xtaq li għal waqt din il-partita s-Soċjetà tagħna torganizza banda żgħira biex ikun hemm il-briju fil-grawnd. Minkejja l-limitazzjonijiet il-banda Mġarrija tat is-sehem tagħha mill-aħjar li setgħet f'dawn iż-żewġ avvenimenti.



*Mro Nicholas Vella*

Peress li kien hemm numru konsiderevoli ta' allievi nħasset il-ħtieġa li jinħatar assistent surmast biex jgħallem l-istrumenti tal-qasba. Għalhekk il-kumitat ħatar lil Mro Nicholas Vella.

## *It-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda*

Il-jum tal-11 ta' Awwissu 2012 żgur se jibqa' jiġi mfakkar u minqux f'qalb l-Imġarrin, għaliex dakinhar sar it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħhom.



*Il-membri tal-kumitat eżekuttiv waqt iċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda*

Il-kumitat eżekuttiv tas-Soċjetà kien ilu xhur sħaħ għaddej bil-preparamenti biex dan il-jum ikun wieħed storiku. Kien hemm bżonn li jsir dak kollu li tirrikjedi soċjetà mużikali, għax kif tafu, ma kellna xejn.

Sa mill-ewwel jiem tat-twaqqif tas-Soċjetà l-kumitat kellu

x-xewqa li jikkuntenta lill-Imġarrin li jaraw il-banda tagħhom iddoqq fit-toroq ta' raħalhom. Għalkemm ma xtaqniex ngħaġġlu, ma stajniex inħallu iktar żmien biex ninawguraw il-banda għax inkella konna nkunu qisna radju dejjem mitfi; fi kliem ieħor, konna nkunu qisna qegħdin hemm biex ngħidu għamilna banda. Mhux hekk biss; aħna tal-kumitat dejjem emminna li kif indoqqu l-ewwel darba, l-entużjażmu tal-Imġarrin kien se jikber u jiżdiedu sostanzjalment l-allievi.




*L-istandard tas-Soċjetà*

## *Permess*

Inizjalment ix-xewqa kienet li ninawguraw il-banda fl-aħħar jum tat-tridu. Għalkemm offrejna lill-Għaqda Festi u Kultura Mġarr (li dak iż-żmien kienet tieħu ħsieb torganizza l-festa) li nagħmlu dan is-servizz bla ħlas, huma rrifjutaw is-servizz tagħna, u għalhekk, wara intervent f'waqtu mill-Għaqda Każini tal-Baned, ingħatajna l-parir biex ninawguraw il-banda ġimgħa qabel il-festa, propju fil-11 ta'Awwissu 2012.



Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema
L-IMĠARR A.D. 2011
VO/0577
LPA 27

Mons Anton Gouder
Kurja ta' l-Arcisqof
Furjana

14ta' Frar 2012

Mons Gouder,

Is-soċjeta' tagġna ilha tul dawn l-aħħar ġimgħat li nfurmat lill-kappillan sabiex isejjaħ laqgħa bejn il-partijiet involuti sabiex s-soċjeta tagħna tkun tista tieħu sehem fil-festa titulari ta' Santa Marija tal-lokal tagħna l-Imgarr.Hi xewqa tagħna li għal din l-ewwel sena nagħmlu servizz mużikali fl-aħħar jum tat-tridu nhar il-Ġimgħa 17 t'Awissu 2012.Dan is-servizz is-soċjeta ser toffrih bla hlas.

Aħna dejjem infurmajna l-Kappillan u l-Għaqda Kultura u festi Mġarr bit-talbiet tagħna u dan fi spirtu ta' kollaborazzjoni,imma dawn jahdmu bil-kuntrarju.Filwaqt li konna qed nistennew data sabiex niltaqaw,sirna nafu li min wara darna l-Kappillan u l-Għaqda kultura u Festi Mgarr kkonfermaw s-servizzi tal-baned barranin għall-din s-sena..Dawn il-fatti żgur ma jawgurawx tajjeb għall-ftehim li ffirmat il-kurja ma' l-Għaqda Każini tal-Banda.Għaldaqstant aħna qed nitolbu l-intervjent tiegħek sabiex is-soċjeta' tagħna,kif inhu xieraq tippartećiepa fil-festa titulari ta' Santa Marija ta' l-imġarr.

Napprezza ħafna jekk tifhem l-urġenza ta' din is-sitwazzjoni u tgħin sabiex tinsab soluzzjoni ġusta.

Inselli Ghalik,

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali
Mob 79674678

Cc :Segretarju Għaqda Każini tal-Banda
Kan Fr Antoine borg
Segretarju Għaqda Kultura u festi Mġarr.

c/o 48 Santa Marija Triq il-kbira l-Imġarr

*Kopja tal-ittra li ntbagħtet lil Mons. Gouder, li fiha ġie infurmat li l-kappillan ta' dakinhar u l-Għaqda Festi Kultura Mġarr minn wara dahar is-Soċjetà kkonfermaw is-servizzi tal-baned barranin għall-festa tal-2012. Dan kien ifisser li huma ma aċċettawx is-servizz offrut bla ħlas mill-banda Mġarrija*

Jien bħala Segretarju Ġenerali ktibt lill-Provigarju Ġenerali Mons. Anton Gouder biex jagħtina permess inbierku u ninawguraw il-banda fil-jum imsemmi. Mons. Gouder mill-ewwel aċċetta u bil-permess ġentili tiegħu stajna nintensifikaw



Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
L-IMĠARR A.D. 2011
VO/0577
LPA 27

Lill-Kappillan,
47,
Triq Dun Edgar,
L-Imġarr.

18 ta' Ġunju 2012.

Għażiez Sur Kappillan ,

Hi x-xewqa tagħna bħala Kumitat tas-Soċjeta Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema li nhar is-Sibt 11 t'Awissu 2012 ninawguraw il-banda .Aħna diġa kkomunikajna mall-Pro Vigarju Ġeneral dwar dan il-ħsieb u kif taf int hu ma jsib ebda oġġezzjoni li inbierku l-banda u nagħmlu marċ fil-ġurnata msemmijja.

Permezz ta' din l-ittra qed nistiednek sabiex bħala kapillan u Direttur Spiritwali tas-soċjeta tkun int li tbierek il-banda.Nixtieq}u ukoll li ningħataw il-permess tiegħek sabiex inkunu nistgħu indoqqu l-Innu Popolari 'L-Imġarr iben Marija' li għandu kompożizzjoni tas-Surmast Vincenzo Ciappara u lirika tas-Surmast maħbub Ganni Cilia.

Il-Kumitat jixtieq li għal din l-okkażżjoni ssir quddiesa ta' radd il-ħajr u wara isir it-tberiek tal-banda.Ninsab ċert li tifhem il dakinhar hawn ħafna daqq ta' baned u għalhekk hi ftit problematika li nsibu bandisti biex nagħmlu il-marċ wara l-quddies tas-7pm.Beħsiebna li l-marc ikun bejn is-7pm u d-9pm għalhekk ġentilment qed nitolbuk li għal din l-okkażjoni il-quddiesa ssir fis-6pm.Dan anke sabiex ma jsirx daqq waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

F'isem il-kumitat nirringrazzjak tal-koperazzjoni u l-għajnuna tiegħek u nitolbuk tigwiedana f'każ li ħsiebijiet tiegħek huma diversi min tagħna.

Inselli Għalik,

Joseph Caruana
Segretarju Ġeberali

Cc: Pro Vigarju Ġenerali Mons Anton Gouder.Kurja ta' l-Arċisqof ,Furjana
Segretarju Ghaqda Każini tal-Banda ,64 Ytiq G.M. Camilleri Hamrun

*L-istedina li l-kumitat bagħat lill-Kappillan Fr Antoine Borg biex ibierek il-banda*



PARROĊĊA SANTA MARIJA MTELLGĦA IS-SEMA
MĠARR - MALTA

Sibt 23 ta' Ġunju 2012

Sur Segretarju,

Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-18 ta' Ġunju 2012 fejn qed titlob biex tiġi mbierka l-Banda. La l-awtoritajiet ekklesjastiċi ta' Malta ma jsibu l-ebda diffikulta, mela lanqas jiena bħala kappillan ma nsib.

Diffikulta waħda hija biss fil-ħin. Tifhem li jien ma nistax nbidel l-ħin tal-quddiesa tas-soltu għaliex noħloq preċedent. U bħalma ma għamilt l-ebda eċċezzjoni għal dawk li xtaqu jagħmlu iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hawnhekk, kif ukoll lanqas għal dawk il-gruppi u għaqdiet li ġieli talbu għal xi attivitajiet tagħhom, hekk hu xieraq li nżomm l-istess ma kulħadd.

Dejjem tiegħek

Fr. Antoine Borg

Kopja Mons A Gouder Pro-Vigarju Ġenerali

Dar Parrokkjali, 47, Triq Dun Edgar, Mġarr MST1340, Malta, Tel: +356 21 572 578

*Kopja tal-ittra li permezz tagħha l-Kappillan Fr Antoine Borg infurmana li la l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ma jsibux problema, lanqas hu ma jsib, biex ibierek il-banda*

ħidmitna biex dan il-jum ikun memorabbli.

Wara l-permess mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi infurmajt lill-Wisq Reverendu Kappillan Kan. Antoine Borg bid-deċiżjoni tal-Kurja u fl-istess waqt stedintu biex ikun hu li jbierek il-banda tagħna l-Imġarrin. F'ittra datata 23 ta' Ġunju 2012 il-Kappillan infurmana li la l-Kurja ma ssib l-ebda oġġezzjoni, lanqas hu ma jsib, u għalhekk aċċetta li jbierek il-banda.

## *Il-banda u ħtiġijietha*

Kien hemm bżonn li jsiru diversi affarijiet biex il-banda tkun tista' ddoqq. Tiftakar biss ukoll ma temminx li f'inqas minn xahrejn irnexxielna nwettqu dik il-ħidma kollha. Kien jeħtieġ li nagħmlu l-istandard tas-Soċjetà, libretti biex indoqqu fuqhom, nagħżlu l-bandisti u nħejju programm xieraq għal okkażjoni storika.

Id-disinn tal-istandard kien diġà lest, però kien hemm bżonn li jinstab min se jħitu. Ix-xewqa kienet li nsibu lil xi ħadd mill-Imġarr biex jinkariga ruħu minn dan ix-xogħol, però wara li fittixna u saqsejna diversi ħajjata Mġarrin, ikkonkludejna li peress li kien daħal iż-żmien u peress li ħadd minnhom ma xtaq jidħol għal din il-biċċa xogħol delikata, ġie deċiż li nfittxu xi ħadd li qiegħed fuq dan ix-xogħol. Għalhekk, wara li indagajna, l-għażla marret fuq Antoine Farrugia mill-Belt Valletta. Personalment jien kont diġà assenjajt xogħol simili lil dan l-artist u għalhekk serraħt ftit moħħi meta aċċetta li jagħmel ix-xogħol tal-ħjata. Għalhekk fl-ewwel jiem ta' Lulju, ftit jiem wara li sar il-ftehim ma' Antoine, għaddejtlu l-materjal biex jibda x-xogħol. Madwar ġimgħa wara x-xogħol kien lest u għaddejnieh lill-artist Albert Borda, li ddisinja l-arma tas-Soċjetà, biex ipitter dan l-istandard. Fl-istess żmien, fuq disinn ta' Albert Borda stess, l-artiġjanist Twanny Zammit ta' Ħal Qormi beda x-xogħol fuq l-arpa li titwaħħal fuq l-istandarsd u l-lasta tiegħu. Ix-xogħol tal-pittura kif ukoll ix-xogħol fuq l-arpa u l-lasta kellhom ikunu lesti sal-ewwel ġimgħa t'Awwissu 2012.



*Il-ħajjat Antoine Farrugia waqt ix-xogħol fuq l-istandard tas-Soċjetà*

Filwaqt li ken għaddej dan ix-xogħol kien hemm bżonn li nagħżlu l-bandisti barranin biex idoqqu mal-banda tagħna dakinhar tal-inawgurazzjoni. Kienet uġigħ ta' ras tremenda – dakinhar kienu se jdoqqu numru konsiderevoli ta' baned u għalhekk, peress li normalment fl-ewwel xhur tas-sena l-bandisti jkunu ġa maqlugħa, kien diffiċli. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li naħdmu id f'id mas-Sur Denis Grech biex insibu l-bandisti. Primarjament kien diffiċli, però bid-determinazzjoni tal-partijiet kollha u bil-għajnuna tal-patruna tagħna rnexxielna u għaqqadna banda xierqa mimlija bl-elementi kollha neċessarji għal dan l-avveniment importanti.



*L-arpa li titwaħħal fuq l-istandard*

Il-bandisti kienu jeħtieġu partituri biex idoqqu fuqhom. Is-Soċjetà ma setgħetx tonfoq flus biex tixtri l-marċi u għalhekk iddeċidejt li nagħmel wiċċi u nitlob lill-kompożituri u l-familjari tagħhom biex jirregalawlna xi marċ. L-għajnuna kienet kbira ħafna, tant li kellna problema liema marċi se ndoqqu. Meta ntgħażlu l-marċi ordnajt il-ġakketta tal-libretti bl-arma tas-Soċjetà, kif inhu xieraq, u saru l-fotokopji. Meta kelli l-kopji lesti bdejt inwaħħal dawn il-partijiet u nifforma l-libretti. Dan ix-xogħol għamiltu kollu jien peress li sħabi tal-kumitat kien għad m'għandhomx idea x'jirrikjedi u wisq anqas kif irid isir dan ix-xogħol. Jien kelli esperjenza peress li fis-snin ta' qabel kont wieħed mill-fundaturi tal-Banda Birżebbuġa, fejn servejt f'diversi karigi fil-kumitat eżekuttiv ta' dik l-għaqda.




*Partituri biex idoqqu fuqhom il-bandisti (il-libretti)*

Barra l-marċi brijużi kien hemm bżonn li ningħataw il-permess biex indoqqu l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija, u kien jeħtieġ li l-banda jkollha l-innu tagħha. Wara sensiela ta' korrispondenza mal-kappillan u l-Għaqda Festi u Kultura Mġarr, f'ittra bid-data 13 ta' Lulju 2012, mibgħuta lilna mill-Kumitat tal-Għaqda Festi u Kultura Mġarr, ingħatajna l-permess biex indoqqu l-innu popolari u tant għażiż mal-Imġarrin, L-Imġarr Iben Marija, li għandu mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara u versi tas-Surmast Ġanni A. Cilia.



L-IMĠARR BIN MARIJA

Kliem tas-Surmast ĠANNI CILIA
Musica tas-Surmast ĊENSU CIAPPARA

Wara l-ħidma qalb dar-raba'
Ix-xjuħ tagħna Lilec faħħru,
Cbira u ħelwa Ommna Marija;
Bnewlec Dar u biha ssaħħru
Fl-Imġarr żgħir li Int ħarist
U b-imħabbtec fis wennist.

Lilec Ommna nqimu
Wassal faraġ f'ruħna
Żommna sħaħ fil-Fidi
Rażżan drawwiet artna
Ħelwa saltan [redacted] fuqna
Issa u għala dejjem.

Fejn ta' Pawlu l-Gżira tilmaħ
L-Aħħar raġġ imut fil-baħar
In-nies cotru u żiedu l-qima
Lejc Sultana kollok faħar
Kalb il ħdura Cnisja bnew
Għal barchitec bla għadd ġew

Lilec Ommna nqimu
( bħal fuq )

L-ghadu jaħtaf minna jrid
Dan il-hajr li għandna Lejc:
B'riġlec irfes ras il-lifgħa
Twarrab qatt lilna minn ħdejc
Mit-tiġrib li ġej eħlisna
U b-qawwitek Int libbisna.

Lilec Ommna nqimu
( bħal fuq )

Awwissu, 1938.

NIHIL OBSTAT.
Valletta, die 5 Junii 1940.
P. PAULUS TABONE O.F.M.
*Cens. Theol.*

IMPRIMATUR.
Datum in Curia Epali. Melit.
Die 7 Junii 1940.
CA. P. GALEA,
*Vig. Gen.*

*Sunett antik tal-innu popolari L-Imġarr Iben Marija*

Ix-xogħol fuq l-innu tal-banda kien ilu li nbeda sa mill-aħħar jiem tas-sena 2011. Fil-fatt l-ewwel saret il-lirika ta' dan l-innu. Dan ix-xogħol ġie fdat lill-Kavallier Ġorġ Bianchi, li niseġ dawn il-versi għas-sodisfazzjon tagħna b'tant dedikazzjoni u mħabba. Il-mużika ta' dan l-innu saret mill-ewwel surmast li kellha s-Soċjetà tagħna, Mario Testa. Ix-xogħol kollu tal-lirika kif ukoll il-kompożizzjoni sar bla ħlas.



GĦAQDA KULTURA FESTI MĠARR
'Il-Maħżen' Triq il-Kurat Chetcuti, Mġarr MGR1010 Malta
Numru Ċellulari: +356 7960 2010 E-mail: ghkfmm@gmail.com

Is-Segretarju Ġenerali
Soċjeta Filarmonika
Marija Mtellgha s-Sema
L-Imġarr

13 ta' Lulju 2012

Għażiż Segretarju u Membri tal-Kumitat Eżekuttiv,

Riferenza qiegħda ssir għall-ittra tagħkom datata 11 ta' Lulju 2012 fejn qeghdin titolbu l-partituri tal-Innu 'L-Imġarr Iben Marija'.

Il-Kumitat tal-Festa iddeċidejna li nghaddu dawn il-partituri fuq il-kundizzjoni li jindaqq biss fl-Imġarr u mhux f'okkażjonijiet politiċi.

Dawn il-partituri huma propjeta tal-Kumitat Festa u għalhekk ma jistghux jisselfu jew jiġu mghoddija lil terzi ghaqdiet mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Festa tal-Imġarr.

Jekk dan l-Innu ma jindaqx b'mod dinjituż kif jisthoqqlu, il-Kumitat Festa jirriserva d-dritt li jfittex lis-Soċjeta'.

Dejjem tagħkom,

Margaret Vella
Segretarja

*L-ittra li rċevejna meta ngħatajna l-awtorità ndoqqu l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija*

Id-dehra dejjem kienet element fundamentali f'kull aspett tal-ħajja. Għalhekk ħsibna biex għal din l-okkażjoni nżanżnu parti mill-uniformi tal-bandisti. Bil-għajnuna tal-voluntiera Odette Muscat u Lily Sammut għamilna l-ispalletti u l-faxex tal-brieret tal-bandisti. B'hekk żidna element ieħor ma' dak tal-istandard u l-innu tal-banda, biex il-banda jkollha l-identità tagħha.



*L-uniformi tas-Soċjetà*

Il-kumitat kien ilu jiġbor fondi biex jixtri l-istrumenti tal-perkussjoni. Kien fadal bilanċ ta' €700 x'jitħallas fuq il-katuba. Dan il-bilanċ għamilna tajjeb għalih mir-reklami li ġbarna għall-ktieb ta' tifkira. Il-platti tħallsu mill-President Onorarju u Nutar tal-Każin Tony Abela. Il-karru li fuqu tinġarr il-katuba silfuhulna ġentilment il-kumitat tal-Banda Marija Reġina tal-Marsa.

Jien li ħadt ħsieb il-koordinament ta' dawn ix-xogħlijiet kollha nista' naċċertakom li x-xogħol kollu sar mill-qalb u fl-aħjar interess tas-Soċjetà. Il-varjetà f'dawn ix-xogħlijiet kienet vaga ħafna, mill-ħjata għall-pittura, mill-istampar għat-twaħħil tal-marċi, mill-kompożizzjoni għall-kitba tal-

versi, ix-xogħol fl-artiġjanat għall-artistrija fil-pittura, kulħadd għamel dak li setaʼ biex kollox ikun l-aħjar possibbli.

Ftit jiem qabel dan l-avveniment storiku l-kumitat iddeċieda li jagħmel bidla fit-tmexxija tal-banda. Għalhekk Mro Nicholas Vella nħatar surmast direttur filwaqt li Mro Tancred Grech inħatar assistent surmast u għalliem tal-istrumenti tar-ram u l-perkussjoni.


*Mro Tancred Grech*

## *Il-programm fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda*

Kien jeħtieġ li dawn il-preparamenti kollha jkunu minsuġa fʼvetrina sabiħa biex titgawda mill-Imġarrin u minn kull min qasam il-ferħ magħna dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-banda. Għalhekk ħejjejna programm sabiħ u nistaʼ ngħid professjonali għall-aħħar li laħaq il-qofol tiegħu waqt iċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda.

Għal din l-okkażjoni ħsibna li nagħmlu pubbliċità tajba. Bħala soċjetà ppubblikajna ktieb taʼ tifkira li tqassam lir-residenti kollha Mġarrin. Dan il-ktieb ta stampa ċara taʼ ħidmet is-Soċjetà mit-twaqqif tagħha sal-jum tatl-inawgurazzjoni. Barra minn hekk kien jinkludi diversi artikli interessanti dwar l-Imġarr, il-festa taʼ Santa Marija u l-banda. Barra din il-pubblikazzjoni ppubblikajna manifest li twaħħal fil-ħwienet kollha tal-Imġarr u tqassam lill-każini tal-banda kollha taʼ Malta u Għawdex. Il-pubbliċità għal dan il-jum storiku marret oltre minn hekk. Il-President, is-Surmast u jien bħala Segretarju Ġenerali ġejna mistiedna waqt il-programm tar-radju Mill-Briju tal-Festa, li jixxandar fuq ir-radju Super 1, waqt programm irrekordjat li xxandar propju l-Erbgħa 8 taʼ Awwissu 2012 waranofsinhar. Fl-istess jum il-President u jien konna mistiedna biex nippromwovu din il-ġrajja storika fʼxandira diretta fuq Net TV waqt il-programm Sajf Flimkien. Waqt il-bullettin tal-aħbarijiet tan-Net TV tal-istess jum ixxandret intervista mal-President Giovanni Gatt, liema servizz ġie wkoll ippubblikat fil-ġurnal elletroniku Maltarightnow. Fil-ġurnali taʼ



Titwaqqaf l-ewwel banda fl-Imġarr

Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema ddoqq is-Sibt li ġej

minn Charles Muscat

Nhar is-Sibt li ġej se tkun ġurnata importanti fl-istorja tar-raħal tal-Imġarr hekk kif għall-ewwel darba fl-istorja ta' dan ir-raħal, se titnieda uffiċjalment u titbierek is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema.

Din il-banda twaqqfet fuq l-inizjattiva ta' diversi nies mill-Imġarr fosthom Giovann Gatt li se jkun l-ewwel President tagħha.

L-ewwel passi biex twaqqfet saru f'Ottubru tas-sena l-oħra meta tfassal l-istatut u bdew jinkitbu l-membri. Beda wkoll it-tagħlim tal-bandisti tant li bħalissa hemm madwar 30 bandisti, tfal, żgħażagħ u xi adulti li qed jitgħallmu l-mużika u l-istrumenti. It-tagħlim qed isir darbtejn fil-ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

F'kummenti lil IN-NAZZJON, Giovann Gatt qal li fl-Imġarr kien ilu jinħass il-bżonn li titwaqqaf banda biex it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu jdoqqu xi strument mużikali filwaqt li l-banda tipparteċipa fl-attivitajiet tal-parroċċa.

Il-programm ta' nhar is-Sibt li ġej meta l-banda se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imgarr, filgħaxija se jkun hemm quddiesa u wara jsir it-tberik tal-banda u jsiru l-preżentazzjonijiet tal-istrumenti mużikali u tal-istandardi.

Wara, is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr.

It-tagħlim tal-bandisti qed isir mis-Surmasrt Direttur Nicholas Vella mis-Siġġiewi, u mill-Assistent Direttur Tancred Grech.

Il-baned u s-soċjetajiet mużikali huma parti integrali mill-ħajja ta' kważi kull belt u raħal f'pajjiżna u huma wkoll parti mill-wirt kulturali u l-festi ta' pajjiżna.

Għalhekk tajjeb li ttieħdet l-inizjattiva biex anke fl-Imġarr għall-ewwel darba jkun hemm banda biex tkun tista' tkompli ssebbaħ lil dan ir-raħal b'mod speċjali l-festa ta' Santa Marija.

Skont stħarriġ li sar sentejn ilu, f'Malta u f'Għawdex kien hawn 90 banda attiva li bejniethom kellhom madwar 4,123 bandist jew apprendist. Il-membri tal-kumitat f'dawn il-baned kienu jlaħħqu aktar minn 1,400.

B'kollox bejn bandisti, apprendisti, membri fil-kumitati u membri, il-baned u s-soċjetajiet mużikali kellhom aktar minn 30,100 membru.

Il-kuluri tal-banda se jkunu ċelesti fuq l-abjad biex jirriflettu r-rabta ma' Marija Mtellgħa s-Sema jew aħjar Santa Marija li għaliha hu ddedikat l-Imġarr.

L-IMĠARR

Inawgurazzjoni tal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema

Illejla fl-Imġarr se jsir it-tberik kif ukoll l-Inawgurazzjoni tal-Banda tas Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D. 2011.

Il-programm tal lejla jibda b'quddiesa li tibda fis-7am u din se ssir fil-Knisja Parrokkjali. għall-ħabta tat-7.45am jindaqq l-Innu popolari bl-isem *L-Imġarr Iben Marija* Mużika tas-Surmast Mro Vincenzo Ciappara u versi tas-Surmast Ganni A. Cilia.

Isir it-tberik tal-Banda mill-Kappillan u Direttur Spiritwali l-Kanonku Dun Antoine Borg u jindaqq l-Innu tal-Banda li għandu l-mużika ta' Mro Mario Testa fuq versi tal-Kavallier Ġorġ Bianchi.

Wara l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr u se tgħaddi minn dawn it-toroq. Wesgħat il-Ġublew, il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew, Sir Harry Luke, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħat il-Ġublew.

Is Surmast Direttur tal-banda hu Mro Nicholas Vella.

Tberik tal-banda

Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, illum il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu, fis-7.00 p.m. il-Kumitat u l-Membri se jieħdu sehem fil-quddiesa għall-għaqdiet lokali fil-Knisja Parrikjali tal-Imġarr. Fit-8.15 p.m. isir 'buffet pasta night' fil-Barri Bar & Restaurant, l-Imġarr. Prezz: Kbar – €14 u t-tfal – €6. Biex tirriserva post ċempel fuq 9944 1502, 7747 1560 jew 7967 4678.

Tberik tal-Banda

Il-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr qiegħda torganizza fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, jilħaq il-qofol tiegħu illum is-Sibt, 11 ta' Awwissu.

Fis-7.00 p.m. issir Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokjali tal--Imġarr; fit-7.45 p.m. issir iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Banda mill-Kappillan u Direttur Spiritwali Dun Antroine Borg, segwita b'marċ fit-toroq tar-raħal.

Tberik tal-banda

Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, illum il-Ħamis, fis-7.30 p.m., se jingħad ir-Rużarju quddiem l-istatwa titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema fil-Knisja Parrokjali.

*Mill-ġurnali lokali…*




*Ktieb ta' tifkira*

kuljum L-Orizzont u In-Nazzjon tal-ġranet 9, 10 u 11 ta' Awwissu wkoll ingħatat pubbliċità lill-attivitajiet li saru f'din l-okkażjoni.

Permezz ta' invit formali l-kumitat stieden diversi persuni distinti, għaqdiet lokali, soċjetajiet mużikali u persuni oħra biex jattendu għat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda.

Il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet infetaħ il-Ħamis, 9 ta' Awwissu 2012 billi wara l-quddiesa tas-7.00 pm għedna r-rużarju quddiem l-istatwa titulari ta' Santa Marija fil-knisja parrokkjali.




*Il-Manifest*

L-għada l-Ġimgħa 10 t'Awwissu, wara li bdejna nqassmu l-ktieb ta' tifkira, ħadna sehem waqt il-quddiesa organizzata għall-għaqdiet. Wara organizzajna pasta night f'Tal-Barri Bar & Restaurant f'Wesgħet il-Ġublew, l-Imġarr.



*Il-kongregazzjoni waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr*

Il-jum tant mistenni tal-11 ta' Awwissu 2012 wasal. Minn kmieni filgħodu komplejna bil-ħidma biex kollox imur kif pjanat. Kienet ġurnata twila imma li ħalliet sodisfazzjon kbir. Mas-sbieħ komplejna nqassmu l-aħħar ftit kotba li kien fadal. Imbagħad ikkuntattjajna lil kull min kien involut biex nikkonfermaw l-aħħar dettalji għal filgħaxija. Waranofsinhar jien u Chris Vella preparajna, fir-residenza tiegħi, l-istandardi biex ikunu lesti. Fl-istess waqt kienet għaddejja ħidma kbira biex jintramaw is-siġġijiet fuq iz-zuntier, jintrama s-sound u anke ġew ippreparati xi refreshments.

Fis-7.00 pm bdiet il-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Il-konċelebrant Fr David Muscat waqt il-quddiesa semma bosta drabi u ħeġġeġ lill-Imġarrin biex jgħinuna ħalli l-banda tibqa' miexja 'l quddiem.



*Il-compère tas-serata s-Sinjorina Claudine Muscat*



*Il-konċelebrant Fr David Muscat imexxi l-quddiesa*

Hekk kif intemmet il-quddiesa kulħadd ħa postu fuq iz-zuntier. Ġemgħa sabiħa ta' nies attendew biex jaqsmu l-ferħ magħna f'din l-okkażjoni importanti.

Is-Sinjorina Claudine Muscat preżentat is-serata. Wara introduzzjoni qasira sejħet lill-membri tal-kumitat eżekuttiv biex jingħaqdu magħha. Il-banda kienet diġà f'postha u l-allievi tagħna biswitha, biex filwaqt li juru s-sodisfazzjon tagħhom li jiffurmaw parti minn din il-banda l-ġdida, iħajru oħrajn jingħaqdu magħhom.

Wara l-introduzzjoni kien imiss li l-banda tal-Imġarr iddoqq l-ewwel noti tagħha. Għalhekk taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Nicholas Vella ndaqq l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija. Dan l-innu, li għandu l-mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara u l-versi tas-Surmast Ġanni A. Cilia, ġie msaħħar mill-vuċi sabiħa tat-tfajla Mġarrija Lucienne Calleja.



*Il-kantanta Lucienne Calleja waqt l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija*



*Il-President Giovanni Gatt waqt id-diskors tal-okkażjoni*

Wara l-applaws li ngħata fi tmiem l-eżekuzzjoni ta' dan l-innu, il-President Giovanni Gatt għamel id-diskors tal-okkażjoni. F'diskors sabiħ u preparat ferm tajjeb il-President ħeġġeġ lill-Imġarrin biex issa li għandna l-banda tagħna ninvestu fiha. Hu saħaq li investiment fil-banda hu investiment fi wliedna. Il-President ħeġġeġ lil kulħadd biex jiġi jitgħallem il-banda. Il-fatt li t-tagħlim hu bla ħlas hu opportunità li mhux ta' min jitlifha. Hu żied jgħid li qatt mhu tard biex wieħed jitgħallem, u temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil kull min ta sehmu biex twaqqfet il-banda u lil kull min attenda għal din l-okakżjoni. Fl-aħħar nett, bi kliem imqanqal, hu tenna l-kliem 'Viva l-banda tal-Imġarrin għal dejjem għal dejjem!'

Wara d-diskors tal-okkażjoni saru xi preżentazzjonijiet. Il-President is-Sur Giovanni Gatt ippreżenta l-istandard tas-Soċjetà lis-Segretarju f'isem is-Soċjetà. Wara saru dawn il-preżentazzjonijiet lill-President tas-Soċjetà.

Il-President Onorarju s-Sur Louis Vella ppreżenta l-istandard ta' Malta. Kif qal hu stess, dan l-istandard, għalkemm hu ta' Malta, ġabu miegħu mill-Amerika.

Il-President Onorarju t-Tabib Godfrey Farrugia ppreżenta l-istandard tal-Imġarr.

Il-President Onorarju u n-Nutar tal-Każin Tony Abela ppreżenta sett platti lis-Soċjetà kif ukoll għotja ta' elf ewro biex jinxtraw l-istrumenti bihom.



*Is-Sur Louis Vella, President Onorarju, jippreżenta standard ta' Malta*



*Il-President Giovanni Gatt jirregala l-istandard tas-Soċjetà*



*L-Onor. Dr Godfrey Farrugia, President Onorarju, jippreżenta standard tal-Imġarr*



*In-Nutar Tony Abela jippreżenta sett platti lis-Soċjetà*



*Il-President jagħti tifkira lill-Kappillan f'isem il-parroċċa*



*Is-Surmast Direttur Nicholas Vella jirċievi tifkira mingħand il-President*



*Il-President jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-Assistent Surmast Tancred Grech*



*Il-Kavallier Ġorġ Bianchi jagħmel kelmtejn ta' apprezzament wara li rċieva tifkira mingħand il-President b'ringrazzjament għax-xogħol li għamel fl-insiġ tal-lirika tal-innu tal-banda*

Wara, il-President ta tifkira tal-okkażjoni lil dawn il-persuni: lill-Kappillan Fr. Antoine Borg; lis-Surmast Direttur Nicholas Vella; lill-Assistent Surmast Tancred Grech; lill-Kavallier Ġorġ Bianchi, li niseġ il-lirika tal-innu tal-banda; u lill-Kappillan f'isem il-parroċċa tal-Imġarr.

Wara l-preżentazzjonijiet Fr David Muscat, akkumpanjat minn numru sabiħ ta' abbatini, bierek l-istandard tas-Soċjetà u l-banda. Ta' min jgħid li għalkemm il-Kappillan ta' dak iż-żmien Fr Antoine Borg kien preżenti, hu ma riedx ibierek il-banda, anke jekk konna ngħatajna permess mill-Kurja. Għalhekk il-banda tbierket minn Fr David Muscat.

Wara t-tberik tal-banda kien xieraq li l-banda ssemmgħalna għall-ewwel darba l-innu tagħha. L-innu tal-banda għandu kompożizzjoni ta' Mro Mario Testa u versi tal-Kavallier Ġorġ Bianchi. Mal-banda kantat



*Il-Kappillan Fr Antoine Borg flimkien ma' Fr David Muscat u l-abbatini tal-parroċċa qabel it-tberik tal-banda*



*Fr David Muscat ibierek il-banda*



*Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema ddoqq l-innu tagħha għall-ewwel darba*

l-innu l-kantanta Mġarrija Lucienne Calleja. Waqt id-daqq tal-innu deher is-sodisfazzjon fuq wiċċ il-ġemgħa preżenti, tant li ħafna minnhom qamu bilwieqfa jċapċpu waqt l-eżekuzzjoni tiegħu.

Wara d-daqq tal-innu tagħha l-banda daqqet marċi brijużi għall-ewwel darba fit-toroq Imġarrin. Il-banda kienet akkumpanjata bl-istandardi l-ġodda li kienu għadhom kif ġew regalati lilha. Dawn l-istandardi nżammu minn Nathaniel Barbara, Nazzareno Micallef u David Abela. Is-soċjetajiet mużikali Nicolò Isouard tal-Mosta, Sagra Familja tal-Kalkara, Marija Reġina tal-Marsa u Spinola ta' San Ġiljan akkumpanjaw il-marċ bl-istandard tagħhom.

Il-marċ għadda minn dawn it-toroq: Wesgħet il-Ġublew, il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħet il-Ġublew, Sir Harry Luke, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħet il-Ġublew. Il-banda temmet dan l-ewwel servizz tagħha bid-daqq tal-innu popolari L-Imġarr Iben Marija fl-10.00 pm.



*L-istandard tas-Soċjetà tagħna mal-bqija tal-istandardi tal-għaqdiet li attendew l-okkażjoni*



*Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt l-ewwel dehra tagħha fit-toroq Imġarrin*



*Il-banda Mġarrija fit-toroq ta' raħalha*



*Il-bukkett fjuri li ġie preżentat lil Santa Marija*




*Dawk preżenti għaċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda*



*Il-banda Mġarrija hekk kif bdiet l-ewwel marċ brijuż fit-toroq ta' raħalna wara l-inawgurazzjoni*



*It-tmiem tal-ewwel servizz tal-banda Mġarrija*

## *Wara l-inawgurazzjoni*

Ftit jiem wara l-inawgurazzjoni tal-banda kien imiss il-festa titulari ta' Santa Marija. Għalkemm ma ħadniex sehem b'dawk li huma servizzi mużikali, mhux għax ma xtaqniex imma għax il-kumitat inkarigat mill-organizzazzjoni tal-festa ta' dak iż-żmien ma ridniex, xorta pparteċipajna. Il-kumitat ħa ħsieb li jordna bukkett fjuri mill-isbaħ biex permezz tiegħu jagħti qima lill-patruna Marija Mtellgħa s-Sema. Dan il-bukkett inħadem b'dedikazzjoni kbira mis-Sinjuri Giovanna Bugeja u Marija Micallef, li kienu megħjuna mis-Sur John Bugeja.

## *L-ewwel anniversarju*




*Il-President Giovanni Gatt flimkien ma' numru sabiħ ta' allievi jaqsmu l-kejk tal-ewwel anniversarju tas-Soċjetà*

Fit-13 ta' Ottubru 2012 iċċelebrajna l-ewwel anniversarju mit-twaqqif tal-banda. Minħabba l-limitazzjonijiet li għandna, organizzajna ikla għand Ta' Soldi Bar & Restaurant fl-Imġarr. Il-President tagħna għamel kelmtejn tal-okkażjoni u wara, flimkien ma' xi allievi li attendew għal din l-attività, qasam il-kejk li tħejja għal din il-lejla speċjali. Kienet attività sempliċi imma fl-istess ħin sabiħa, u se nibqgħu niftakruha. Ix-xena li ħolqu l-allievi bl-entużjażmu kienet tassew sabiħa u għadha mpinġija f'moħħ dawk kollha li attendew.

Peress li minħabba nuqqas ta' fondi l-għaqda ma kellhiex website, il-kumitat jien juża ħafna l-Facebook biex jagħmel propaganda. Il-Facebook jilħaq tista' tgħid lil kulħadd.

F'Malta jsiru diversi programmi relatati mal-baned u l-festi Maltin. Wara li fi żmien it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda konna mistiedna fuq l-istazzjon tar-radju One u l-istazzjon tat-televiżjoni Net, nhar il-Ħadd, 28 ta' Ottubru 2012, waqt il-programm Marċifest li xxandar fuq Radju Malta 1, ingħata tagħrif dwar il-banda tagħna u ndaqqu marċi mir-repertorju tagħha.

## *Laqgħa Ġenerali Annwali 2012*



*Uffiċjali tal-kumitat waqt il-laqgħa ġenerali annwali*

Kif indikat fl-istatut tas-Soċjetà, kull sena għandha tinżamm laqgħa ġenerali annwali. F'din il-laqgħa għandhom jinqraw ir-rapport amministrattiv u r-rapport finanzjarju. Barra minn hekk ikun jeħtieġ li jiġu approvati, u meta jkun il-każ isiru, emendi għall-istatut kif ukoll jiġu approvati karigi onorarji ġodda. Kull sentejn imbagħad għandu jinħatar kumitat eżekuttiv ġdid biex imexxi l-għaqda għas-sentejn suċċessivi.

Il-laqgħa ġenerali annwali għas-sena 2012 inżammet nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 2012 fil-kunsill lokali. Dawk li attendew, għalkemm l-attendenza kienet ftit fqira, ipparteċipaw sew. Waqt din is-seduta nqraw ir-rapporti msemmija iktar 'il fuq f'din il-kitba u saret l-approvazzjoni tagħhom. Waqt ir-rapport amministrattiv jien bħala Segretarju Ġenerali tajt indikazzjoni ċara tal-ħidma li twettqet matul is-sena. Spjegajt l-attendenza tal-membri tal-kumitat għas-seduti kif ukoll il-kisbiet li għamilna matul l-ewwel sena tagħna.

Fir-rapport finanzjarju, li nqara minni fl-assenza tal-kaxxiera u l-assistenta kaxxiera, rajna kemm il-kumitat ħadem bil-għaqal biex għamel tajjeb għall-ispejjeż li kellu. Għalaqna s-sena b'bilanċ ta' iktar minn €3,000. Dan seħħ filwaqt li d-dħul kien ta' ftit iktar minn €13,000. Il-parti sostanzjali ta' dan id-dħul waslet mid-donazzjonijiet ġenerużi li rċevejna u mill-attivitajiet soċjali li organizzajna.

Waqt il-laqgħa tressqu u ġew approvati diversi emendi għall-istatut tas-Soċjetà. Hawn ta' min isemmi li l-età tas-sħubija tal-membri niżlet għal 16-il sena. Ġew miżjuda wkoll emendi ġodda biex jirregolaw l-allievi u l-bandisti l-ġodda.

Saret l-approvazzjoni tal-presidenti u membri onorarji. Is-Sindku s-Sur Paul Vella flimkien mas-Sur Michael Attard ġew approvati bħala presidenti onorarji ġodda. Il-Kavallier Ġorġ Bianchi nħatar membru onorarju.

## *Iktar reġistrazzjonijiet*

Matul din is-sena komplejna nirreġistraw f'iktar entitajiet. Issa kien imiss li ninkitbu mal-Aġenzija Żgħażagħ. L-Aġenzija Żgħażagħ għandha l-irwol importanti li tgħin liż-żgħażagħ fil-formazzjoni tagħhom. Huma joffru diversi għajnuniet oħra li nistgħu nibbenefikaw minnhom.



Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema
L-IMĠARR A.D. 2011
VO/0577
LPA 27

Rev. Fr.Antoine Borg,
Kappillan,
Parrocca Santa Marija Mtellgha s-Sema,
47,
Triq Dun Edgar,
L-Imġarr

16 ta' Awwissu, 2012

Għażiż Kappillan,

Nieħu l-okkażjoni biex f'isem il-Kumitat tal-Banda tieghi, nirringrazzjak ghal ghajnuna li tajtna u ghal quddiesa u t-tberik tal-Banda li sar fil-11 ta' dan ix-xahar.

Nixtiequ li kif inhu maħsub fil-ftehim li hemm bejn l-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kurja dwar il-festi, issa niltaqgħu biex naghmlu *post mortem* fuq il-festa ta din is-sena, wara li tghaddi l-festa, u wkoll biex nibdew taħditiet dwar is-sehem tal-Banda Mġarrija fil-gimgha tal-festa tas-sena d-dieħla. Dan nitolbuk biex inkunu fi żmien preċiż qabel ma jsiru taħditiet jew *'commitments'* ma baned barranin ghas-sena li ġejja.

Inkun grat jekk ghalhekk tiddeċiedi dwar data meta l-partijiet parteċpanti fil-festa lokali niltaqgħu flimkien biex nibdew nithejjew ghal sena oħra.

Tieghek,

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali
Mob 79674678

cc Għaqda Każini tal-Banda
Għaqda Festi u Kultura Mġarr.

c/o 48.Santa Marija Triq il-Kbira L-Imġarr MĠR 1110

*Kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-Kappillan Fr Antoine Borg biex il-banda tkun tista' ddoqq fil-festa*

Sadanittant il-kumitat kien ilu diversi ġimgħat jitħabat biex jirnexxilu jibda jieħu sehem bil-banda fil-festa titulari ta' Santa Marija. Però b'għafsa ta'qalb ngħid li kienet qed issir ħsara kbira. Illum nista' ngħid li kien hemm grupp ta' nies li flok ħadu pjaċir bil-banda tagħhom stess mexxew kampanja kontra l-banda tagħna. Però l-kumitat immexxi minni ma qatax qalbu. Id-determinazzjoni kienet il-fjuwil u l-enerġija biex nibqgħu mexjin u nagħmlu l-ġid lill-komunità Mġarrija. Propju ftit jiem wara l-inawgurazzjoni tal-banda, il-kumitat kien bagħat ittra lill-Kappillan Fr Antoine Borg biex il-banda tagħna tkun tista' tipparteċipa fil-festa. Saħansitra kellu jintbagħat anke reminder xi ġimgħat wara, meta l-kumitat induna li din it-talba kienet qed tiġi injorata.



Soċjetà Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema
L-IMĠARR A.D. 2011
VO/0577
LPA 27

Rev.Kan Fr. Antoine Borg,
47,
Triq Dun Edgar,
L-Imġarr.

23 t'Ottubru 2012

Sur kappillan,

Nirreferi għall-ittra tiegħi datata 16 ta' Awissu 2012 u *reminder* tal-istess ittra li bgħatlek il-ġimgħa li għaddiet fejn tlabnik biex jiltaqa l-Kumitat ta' Kordinament u niġu konsultati qabel isiru *committments* ma' baned barranin għall-festa 2013, Minn informazzjoni li waslitielna jidher biċ-ċar li t-talba taghna ġiet injorata. Aħna infurmati li diġa saru stediniet lill-baned barranin biex jieħdu sehem fil-festa tas-sena id-dieħla.

Skond il-ftehim li jirregola l-festi bejn il-Għaqda Każini tal-Banda u l-Kurja huwa l-kumitat ta' kordinament li jiddeciedi kollox x'isir fil-festa u jrid ikun hemm qbil bejn il-partijiet. Ħadd mill-imsiehba fil-kumitat ta' kordinament ma jista jiddeciedi xejn fuq x'għandu jsir għas-sena d-dieħla jekk mhux bi qbil bejn il-partijiet u jekk ma jkunx hemm qbil nirreferu l-kwistjoni lil Bord apposta li se jkun mahtur. Ghalhekk fid-dawl ta dan, min diġa qed jiddeciedi fuq min se jdoqq u f'liema granet qed jizra l-firda u jinzamm responsabbli.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi li żgur ma jawgurawx tajjeb għall-futur qed ninforma lill-Mons Anton Gouder Pro Vigarju Ġenerali u lill-Għaqda Każini tal-banda, bis-sitwazzjoni biex il-banda tagħna magħmula min ulied l-Imġarr stess tkun tista tipparteċiepa fil-festa titulari tar-raħal taghha.

F'isem il-Kumitat Eżekuttiv nappellalek biex fl-iqsar żmien possibli tinsab soluzzjoni xierqa.

Inselli Għalik,

Joseph Caruana
Segretarju Ġenerali
Mob 79674678

cc: Mons Anton Gouder-Pro Vigarju Ġenerali
Segretarju-Għaqda Każini tal-Banda
Segretarja-Għaqda Festi u Kultura Mġarr
Segretarju-Kunsill Lokali Imġarr

c/o 48,Santa marija Triq il-kbira L-imġarr MĠR 1110

*Kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-Kappillan, li fiha tlabna biex tinstab soluzzjoni*

Fil-bidu t'Ottubru l-kumitat sar jaf li minkejja l-offerta li l-banda għamlet lill-parroċċa biex iddoqq fil-festa bla ħlas, din ġiet irrifjutata, u mingħajr ma kien mgħarraf il-

kumitat l-organizzaturi reġgħu kkonfermaw is-servizz fil-festa lil baned barranin.

Għalhekk il-kumitat reġa', fit-23 ta' Ottubru 2012, kiteb lill-Kappillan u appellalu biex tinstab soluzzjoni u kif ktibt fl-ittra ta' dakinhar, il-banda magħmula minn ulied l-Imġarr tkun tista' tieħu sehem fil-festa titulari ta' raħalha.

Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena organizzajna sensiela ta' attivitajiet. Dawn raw il-bidu tagħhom nhar il-festa tal-Kunċizzjoni, jiġifieri fit-8 ta' Diċembru 2012, b'attività organizzata fil-lukanda Maritim, il-Mellieħa. Dakinhar għamilna Christmas Buffet. Kulħadd kellu kliem ta' tifħir għal din l-attività.

Il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru 2012 wettaqna żewġ attivitajiet. It-tnejn li huma saru fil-bini tal-kunsill lokali. Kmieni waranofsinhar għamilna festin għat-tfal. Għal dan il-festin ġew mistiedna l-allievi tas-Soċjetà. Bil-għajnuna ta' diversi sponsors dan il-festin kien suċċess u ngħata rigal sabiħ lil dawk li attendew. Barra minn hekk ġibna grupp li ħa ħsieb l-animazzjoni.

Filgħaxija organizzajna bibita għall-membri tal-kumitat, l-allievi u l-benefatturi tas-Soċjetà. Dawn iż-żewġ attivitajiet intlaqgħu tajjeb ħafna.



*Il-kurunetta u l-ewfonju li nxtraw bid-donazzjoni ta' elf ewro li tana n-Nutar Tony Abela dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-banda*

Il-membri tal-kumitat tas-Soċjetà kienu wkoll mistiedna biex jattendu diversi riċevimenti. Fil-fatt nhar is-7 ta' Diċembru 2012 delegazzjoni mill-kumitat magħmula minni, il-Kaxxiera Mary Abela u l-PRO Marija Vella attendiet riċeviment organizzat mill-kunsill lokali tal-Imġarr, li segwa bil-ftuħ ta' wirja ta' pittura u fotografija.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Diċembru 2012 filgħodu l-President Giovanni Gatt u l-Kaxxiera Mary Abela rrappreżentaw l-għaqda tagħna waqt il-bibita organizzata mill-Mġarr United FC.

It-tagħlim tal-mużika baqa' għaddej. Fil-fatt wara pawsa qasira fil-ġimgħa tal-festa s-Surmast u l-Assistent komplew bil-ħidma tagħhom. Wara l-avveniment tal-11 t'Awwissu, kif kien mistenni, tkattru l-allievi, li bdew jitħarrġu fl-arti mużikali fi ħdan is-Soċjetà. Fil-ġimgħat li segwew iktar allievi bdew joqorbu għall-istrument. Għalhekk il-kumitat ried jara kif se jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kien se jiffaċċja. Il-ġenerożità ma naqset qatt.

Bosta ġenituri xtraw l-istrument lil uliedhom huma stess.

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien il-kumitat flimkien mal-għalliema ħassew il-ħtieġa li tinżamm laqgħa mal-allievi u l-ġenituri. Din il-laqgħa saret fit-2 t'April 2013 fil-bini tal-kunsill lokali. Għal din il-laqgħa l-attendenza kienet tajba. Waqt din il-laqgħa l-kelliema, li kienu l-għalliema u l-uffiċjali tal-kumitat, taw rapport ta' kif kienu sejrin l-allievi fit-taħriġ kif ukoll informazzjoni oħra relatata mas-Soċjetà. Il-ġenituri u l-allievi staqsew ukoll xi mistoqsijiet u taw suġġerimenti biex inkomplu nimxu 'l quddiem.

# 2013

Kif ġa semmejt, il-kumitat kien ilu jitħabat biex ikun jista’ jipparteċipa fir-raħal, però ma kienx qed jirnexxilu. Niftakar jum fost l-oħrajn ikkuntattjani l-Onor. Dr Godfrey Farrugia, President Onorarju tal-għaqda, u qalli li hu lest jintervjeni biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Wara li ddiskutejt ma’ sħabi l-uffiċjali tal-kumitat infurmajtu li aħna kuntenti ħafna jekk hu jintervjeni.

## *Intlaħaq ftehim*

Grazzi għall-intervent f’waqtu tiegħu, li minkejja li kien fl-eqqel ta’ kampanja elettorali, sab il-ħin u kien medjatur bejn l-għaqda tagħna u l-Fondazzjoni Kultura Mġarr, instabet soluzzjoni. Permezz tal-medjazzjoni tiegħu ntlaħaq ftehim biex kif inhu xieraq il-banda tagħna tieħu sehem sħiħ fil-festa titulari ta’ Santa Marija, patruna tal-Imġarr. Ir-rieda tajba min-naħa taż-żewġ għaqdiet Imġarrin wasslet biex jekk il-Bambin irid min din is-sena ’l quddiem il-banda tagħna tibda tagħmel 4 servizzi mużikali, bl-għażla libera li tista’ tagħmel żewġ servizzi oħra. Il-ftehim intlaħaq nhar



**Ftehim bejn il-Fondazzjoni Kultura Mġarr u s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema Mġarr A.D.2011**

Bis-saħħa ta’ dan id-dokument qed niftehmu li fil-festa titulari ta’ Santa Marija Mtellgħa s-Sema ċċelebrata fl-Imġarr, Malta jsir dan miktub hawn taħt. Dan il-ftehim sar fl-aħjar interess tal-Imġarr u l-festa titulari tiegħu.

L-Aħħar Jum tat-Tridu

1. F’dan il-jum is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tagħmel marċ brijjuż fit-toroq tar-raħal.
2. Dan is-servizz jiġi mħallas mill-istess soċjetà.
3. F’dan il-jum ma jistgħux jiġu mistiedna baned.

Lejlet il-Festa

1. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr takkumpanja t-translazzjoni.
2. Tagħmel marċ qasir u wara tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier tal-Fondazzjoni Kultura Mġarr.
3. Waqt li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tkun qed tagħmel il-programm mużikali/marċ, il-Fondazzjoni Kultura Mġarr tista tistieden banda biex tagħmel marċ brijjuż fit-toroq. Jekk tiġi mistiedna banda, l-banda mistiedna tidħol ddoqq fil-pjazza wara li jintemm il-programm mużikali. Għalhekk f’dawn iċ-ċirkustanzi l-programm mużikali għandu jintemm ta’ l-inqas 30 minuta qabel jibda jinħaraq in-nar tal-art biex ikun hemm ħin biex il-banda mistiedna ddoqq marċi fil-pjazza tal-knisja.
4. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tagħmel dan is-servizz tagħha bla ħlas anke f’dan il-jum.

Jum il-Festa

1. Filgħaxija se jsir hekk: il-banda mistiedna mill-Fondazzjoni Kultura Mġarr tagħmel marċ qabel il-ħruġ tal-purċissjoni u wara tieħu posta fuq il-planċier.
2. Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ddoqq waqt il-ħruġ tal-vara titulari ta’ Santa Marija u takkumpanja l-purċissjoni sal-planċier. Hemm il-banda barranija ddoq l-innu fuq l-planċier. Wara l-banda Mġarrija tkompli takkumpanja l-purċissjoni. Kif il-purċissjoni tasal fi Triq Sir Harry Luke, il-banda barranija tingħaqad mal-banda Mġarrija u jkomplu jakkumpanjaw il-purċissjoni billi jdoqqu marċ kull wieħed. Kif il-purċissjoni terġa tasal fejn il-planċier, il-banda barranijja terġa ddoqq l-innu minn fuq il-planċier. Wara l-banda Mġarrija takkumpanja l-vara titulari ta’ Santa Marija sad-dħul fil-knisja. Is-servizz li se tagħmel waqt il-purċissjoni l-banda Mġarrija se jkun mħallas mill-Fondazzjoni Kultura Mġarr bir-rata stabbilita mill-Għaqda Każini tal-Banda.

Għażliet oħra li jistgħu jitwettqu fil-ġejjieni.

*Ħruġ tal-vara minn niċċa.*

24/2/13



1. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr iddoqq waqt il-quddiesa u wara tagħmel marċ qasir fil-qalba tar-raħal.

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

2. F’dan il-jum il-Fondazzjoni Kultura Mġarr għandha d-dritta li tistieden banda biex tagħmel marċ brijjuż.

*Egħluq tal-Festa*

3. Wara d-dħul tal-purċissjoni u tingħata l-barka, l-banda Mġarrija tagħmel marċ brijjuż.

Egħluq

1. Dan il-ftehim intlaħaq bis-saħħa tal-medjazzjoni ta’ Dr. Godfrey Farrugia u r-rieda tajba tal-uffiċċjali ta’ dawn iż-żewġ entitajiet għall-ġid tal-Imġarr u l-festa titulari ta’ Santa Marija.
2. Dwar ir-rotot tal-marċi għandu jintlaħaq ftehim bejn l-entitajiet ikkonċernati. Fejn dan ma jintlaħaqx jibqgħu fis-seħħ ir-rotot applikati sas-sena 2012.
3. Dan il-ftehim għandu jiġi mibdul, miżjud jew emendat bi qbil bejn iż-żewġ partijiet.
4. Dan il-ftehim se jidħol fis-seħħ mill-festa titulari 2013.

Aħna hawn taħt iffirmati, uffiċċjali tal-entitajiet rispettivi, wara li ġejna awtorizzati mill-kumitati rispettivi tal-entita tagħna, naqblu mal-kundizzjonijiet ta’ dan il-ftehim.

**Fondazzjoni Kultura Mġarr**

**Mr. Michael Farrugia**
President

**Ms. Margaret Vella**
Segretarja

**Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D.2011**

**Mr. Giovanni Gatt**
President

**Mr. Joseph Caruana**
Segretarju Ġenerali

24/2/13

**Dr. Godfrey Farrugia**
Xhud u Medjatur
Seġretarju tal-Ghaqda Piroteknika Maltija
President tal-Ghaqda Armar tal-Festi fit-Toroq

*Il-ftehim bejn is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema u l-Fondazzjoni Kultura Mġarr*

il-Ħadd, 24 ta' Frar 2013. Is-Sur Michael Farrugia u s-Sinjura Margaret Vella ffirmaw f'isem il-Fondazzjoni Kultura Mġarr filwaqt li jien u s-Sur Giovanni Gatt iffirmajna f'isem is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Iffirma wkoll dan il-ftehim il-medjatur l-Onor. Dr Godfrey Farrugia, Ministru tas-Saħħa.



*Waqt l-iffirmar tal-ftehim*

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim fl-2013 il-banda ħadet sehem attiv fil-festa billi għamlet erba' servizzi mużikali. Dawn kienu marċ brijuż fl-aħħar jum tat-tridu, daqq ta' innijiet Marjani u reliġjużi lejlet il-festa waqt it-tranżlazzjoni solenni bir-relikwa ta' Santa Marija, u marċ u programm fuq il-planċier wara l-quddiesa tat-tranżlazzjoni. Nhar il-festa mbagħad il-banda akkumpanjat il-purċissjoni bl-istatwa tant għażiża ta' Santa Marija.




*Il-faċċata tal-flyer li tqassam f'Marzu 2013*



Rendikont Finanzjarju

*għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012*

| | € |
|---|---|
| **Dħul** | |
| Menswalità | €295.00 |
| Attivitajiet Soċjali | €1,932.93 |
| Donazzjonijiet | €5,572.30 |
| Self | €100.00 |
| Bord Editorjali | €5,250.00 |
| Sponsers | €240.00 |
| Dħul ieħor | €283.00 |
| Total | €13,673.23 |
| **Ħruġ** | |
| Amministrazzjoni | €332.30 |
| Tagħlim | €1,225.00 |
| Strumenti | €2,635.00 |
| Stationery | €545.00 |
| Servizz Mużikali 'Vittmi tal-Gwerra' Mġarr | €50.00 |
| Libretti | €204.34 |
| Uniformi /Standardi | €1,386.20 |
| Pubblikazzjoni programm ta' tifkira | €2,900.39 |
| Ċerimonja Tberik tal-Banda 11 t'Awwissu 2012 | €660.88 |
| Spejjeż oħra | €475.24 |
| Total | €10,414.35 |
| Dħul | €13,673.23 |
| Ħruġ | €10,414.35 |
| Bilanċ | €3,258.88 |

Abela Grocery
...For all your grocery needs!
Free Delivery
Proprietor: Mr. B. Abela
15, Wesgħet il-Ġublew, Mġarr MGR 1040 **Tel: 2157 4817**

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011 5

*Paġna 3 tal-flyer li kien tqassam, li turi r-rendikont tas-Soċjetà minn Ottubru 2011 sa Settembru 2012*



*Il-ħruġ tal-Via Sagra L-Imġarr mal-Imġarrab*

Dan kien unur kbir għalina billi għall-ewwel darba daqqejna mal-patruna tagħna tul il-purċissjoni kollha.

F'Marzu 2013 ippubblikajna flyer li tqassam fid-djar kollha Mġarrin. Dan il-flyer, minbarra l-messaġġi mill-membri tal-kumitat, kien jinkludi r-rendikont finanzjarju sa Settembru 2012. B'hekk kulħadd seta' jara mnejn waslu u fejn intefqu l-flus tal-għaqda.

## *L-Imġarr mal-Imġarrab*

Żgur li kull Imġarri u Mġarrija jkunu qed jistennew li tasal il-ġimgħa mqaddsa biex f'raħalna norganizzaw il-Via Sagra ferm devota ***L-Imġarr mal-Imġarrab***.




*Il-vara tal-Pietà ħierġa għall-ewwel darba fil-Via Sagra*



*F'dan ir-ritratt jidher is-Sur Nazzareno Micallef jerfa' l-istandard tas-Soċjetà waqt il-Via Sagra*

Din daħlet sew fil-kalendarju Mġarri u jkun hemm preparamenti kbar.

Fl-2013 il-Via Sagra L-Imġarr mal-Imġarrab saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2013. Din id-data żgur li se tibqa' mfakkra minħabba żewġ fatturi partikolari.

L-ewwel nett għaliex għall-ewwel darba f'din il-purċissjoni żdiedet mal-vari l-oħra l-istatwa devota tal-Pietà kif ukoll għall-fatt li s-Soċjetà tagħna ħadet sehem fil-Via Sagra bl-istandard tal-għaqda. L-istandard inġarr mis-Sur Nazzareno Micallef. Delegazzjoni magħmula minni, Joseph Caruana, is-Sinjuri Mary Abela u Marija Vella akkumpanjat f'isem l-għaqda tagħna.



*Il-banda Mġarrija waqt l-ewwel servizz tagħha fil-purċissjoni ta' Corpus Christi*

## *Il-Festa ta' Corpus Christi*

Kien proprju fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju meta ġejna avviċinati mis-Sur Michael Farrugia, li qalilna li l-Kummissjoni Liturġija kienet qed tistieden lis-Soċjetà tagħna biex takkumpanja bil-banda l-purċissjoni solenni ta' Corpus Christi.

Wara li ddiskutejna mas-Surmast Direttur aċċettajna dan is-servizz. Minħabba l-ammont ta' daqq li kien hawn dakinhar tal-Ħadd, 2 ta' Ġunju 2013 ma kien faċli xejn għalija biex insib il-bandisti u ngħaqqad il-banda. Però bl-għajnuna tal-Bambin irnexxieli.



*Waqt il-barka sagramentali fi Triq Dun Edgar*

Minbarra li naqla' l-bandisti kien hemm bżonn li nipprepara l-libretti

bl-innijiet ewkaristiċi wkoll. Il-banda San Piju X ta' Ħal Lija ġentilment irregalawlna sett ta' innijiet ewkaristiċi u flimkien mal-fanfarra li kkompona s-Surmast Direttur tagħna Mro Nicholas Vella ġbarna sett ta' innijiet tassew sabiħ. Kienet ġlieda maż-żmien biex inlesti l-partituri kollha sal-jum tat-2 ta' Ġunju, imma meta jkun hemm ir-rieda, l-impossibbli jseħħ.



*L-ewwel programm mużikali tal-banda Marija Mtellgħa s-Sema lejlet il-festa tal-2013*

Il-jum tat-2 ta' Ġunju wasal, u kif l-Imġarrin bdew deħlin il-knisja għall-quddiesa tas-6.00 pm, bdew jintebħu li kienet se tiġri xi ħaġa differenti mis-soltu. Bandisti mill-erbat irjieħ ta' Malta bdew jinġabru fuq iz-zuntier biex idoqqu mal-banda Mġarrija.

Kien għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija meta n-noti tal-fanfarra laqgħu l-ħruġ tas-Sagrament mill-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Wara l-fanfarra l-banda Marija Mtellgħa s-Sema akkumpanjat il-purċissjoni, li għaddiet minn dawn it-toroq: Triq il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħet il-Ġublew. Tul il-purċissjoni ndaqqu l-innijiet ewkaristiċi u f'kull waqfa għall-barka sagramentali, jiġifieri fi Triq Dun Edgar, Triq San Pawl mill-gallarija tal-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija, u minn residenza privata fi Triq Santa Marija, daqqejna l-fanfarra. Is-servizz intemm bid-daqq tal-fanfarra wara li ngħatat il-barka sagramentali fil-knisja fi tmiem il-purċissjoni.



*Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu 2013, l-ewwel darba li daqqet f'jum il-festa titulari ta' Santa marija Mtellgħa s-Sema*

Kif għadni kif semmejt, minħabba s-servizz ta' Corpus Christi kellna nagħmlu librett bl-innijiet ewkaristiċi. Barra minn hekk għamilna wkoll librett bl-innijiet proċessjonali. Dan il-librett jinkludi innijiet Marjani u reliġjużi, liema librett intuża l-ewwel darba waqt il-purċissjoni tat-tranżlazzjoni u waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija nhar il-festa.


*Wieħed mill-ewwel rehearsals tal-banda tal-Imġarr*

Peress li dik is-sena l-banda għamlet ukoll programm mużikali lejlet il-festa, kien hemm bżonn li nieħdu ħsieb nippreparaw il-partijiet tal-mużika. Dan ix-xogħol kollu għamiltu jien waħdi peress li ħadd minn sħabi tal-kumitat ma kien għadu tħarreġ biżżejjed kif isir dan ix-xogħol. Is-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Mro Tancred Grech ħadu ħsieb jakkwistawli l-mużika li flimkien għażilna għal dan l-ewwel programm mużikali li esegwiet is-Soċjetà tagħna fl-istorja tagħha.

Naħseb intom u taqraw din l-istorja qed tistaqsu kemm-il darba lilkom nfuskom, 'Imma l-flus minn fejn kienu jġibuhom?' Ħbieb, mis-sema ma jaqgħux żgur. Biex għamilna tajjeb għal dan kollu organizzajna sensiela ta' attivitajiet. Iktar 'il fuq diġà semmejt bosta minnhom. Ma' dawk li diġà semmejt, organizzajna bosta oħrajn.

Fost diversi attivitajiet li għamilna nsibu li nhar is-Sibt, 23 ta' Frar 2013 ġiet organizzata ikla fis-Sunny Bar & Restaurant. Fid-19 t'April 2013 għamilna pasta night fid-Dine West Bar & Restaurant.

Segwew żewġ ikliet oħra, waħda fl-10 ta' Mejju, meta għamilna ikla għand il-Bennej Restaurant, u l-oħra fil-31 ta' Mejju 2013, meta għamilna ikla fil-klabb tal-Mġarr United Youth Nursery.

Fit-22 ta' Ġunju 2013 organizzajna pizza buffet fil-lukanda Maritim, il-Mellieħa. Imbagħad is-Sibt, 13 ta' Lulju 2013 għamilna barbikju għal darb'oħra fil-klabb tal-Mġarr United Youth Nursery.

Kif tistgħu taraw, ħdimna kemm flaħna biex stajna nsostnu l-proġetti tagħna.



*Il-kantant Stephen Mizzi waqt ir-recording tas-CD*



*Membri tal-kumitat flimkien mal-kantant Stephen Mizzi u r-recording engineer tas-CD Charles Dalli*

## *Festa Speċjali 2013*

Mingħajr ebda dubju l-attività ewlenija tibqa' l-festa titulari ta' Santa Marija. Dik tas-sena 2013 żgur kienet waħda memorabbli. Dan għaliex fl-aħħar l-Imġarrin għall-ewwel darba għamlu l-festa bil-banda tagħhom.




*L-ingravata bl-arma tas-Soċjetà*

Il-festa tinvolvi ħafna preparamenti li jsiru matul is-sena. Barra dan, il-festa hija l-vetrina tas-Soċjetà. Matulha nesponu dak kollu li nkunu preparajna. Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed jiżdiedu d-dilettanti tal-festa, u dan żgur jawgura festa isbaħ.

Minbarra s-servizzi mużikali msemmija l-festa ġġib magħha x-xogħol biex nippubblikaw il-ktieb annwali, ħidma kbira li teħtieġ ħidma sfiqa għal sigħat twal.

Semmejna s-servizzi mużikali u l-pubblikazzjoni annwali. Fl-2013, peress li l-banda għamlet għall-ewwel darba l-marċ tal-aħħar jum tat-tridu, il-kumitat ħaseb biex jagħmel CD bil-kant. Kienet xewqa li kellu s-Sur Chris Vella, ir-rappreżentant taż-żgħażagħ fil-kumitat eżekuttiv. B'ħidmitu u bl-għajnuna li sab



*Il-President Onorarju l-Onor. Godfrey Farrugia jippreżenta l-ingravajjet lill-President tas-Soċjetà*



*L-ewwel grupp ta' bandisti li ħarġu jdoqqu mal-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr*
*Wara mix-xellug: Rosemary Abela (flawt), Semira Galea (flawt), Luca Galea (kurunetta), Maylene Muscat (klarinett), Onishia Muscat (tanbur)*
*Quddiem mix-xellug: Matthew Vella (kurunetta), Joelle Marie Sammut (kwartin), Mro Tancred Grech (Assistant Surmast u għalliem tas-sezzjoni tal-istrumenti tar-ram u perkusjoni), Mro Nicholas Vella (Surmast Direttur u għalliem tas-sezzjoni tal-istrumenti tal-qasba), Jade Marie Falzon (alto sax), Andrè Muscat (tanbur)*
*Mhumiex fir-ritratt: Nicholas Apap Bologna (kurunetta) u Owen Galea (kurunetta)*

mingħand xi membri oħra tal-kumitat, din is-CD kienet ħolma oħra li saret realtà. Jien ħadt ħsieb li nagħmel il-lirika tal-marċi u fejn stajt għentu jiġbor xi donazzjonijiet biex inkopru l-ispejjeż. Din is-cd, li tkantat mill-kantant popolari Stephen Mizzi, kienet tinbiegħ għall-prezz ta' €10.

Minbarra s-cd tal-kant, li żgur għenet biex jiżdied il-briju, l-għaqda għamlet ukoll diversi bnadar, biex inħolqot atmosfera sabiħa waqt il-marċ.

Fil-jiem tal-festa l-bandisti libsu għall-ewwel darba l-ingravata bl-arma tas-Soċjetà. Din l-ingravata kompliet issebbaħ l-uniformi tal-bandisti. Dan is-sett ta' ingravajjet bl-arma tas-Soċjetà rrakkmata fuq kull waħda ġentilment tħallas mill-President Onorarju l-Onor. Dr Godfrey Farrugia.

Imma għaliex il-festa tal-2013 kienet festa speċjali? Kienet festa speċjali għax minbarra li għall-ewwel darba l-banda ħadet sehem sħiħ fil-festa, fil-jiem tal-festa beda jinħasad dak li nżera'.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li dik is-sena ddebuttaw mal-banda l-ewwel grupp ta' bandisti li tħarrġu fl-arti mużikali fi ħdan l-għaqda tagħna. Dan il-grupp ta' ħdax-il bandist ħadem bis-sħiħ biex wasal s'hawn. Isem kull wieħed minnhom se jinżel fl-istorja ta' raħalna bħala l-ewwel bandisti li kellha l-banda Mġarrija. Dawn il-bandisti jdoqqu strumenti varji.

# 2014

Tul din is-sena kellna nieħdu bosta deċiżjonijiet importanti li kkonċernaw direttament il-banda. Iżda għax nemmnu fil-ġid ta' wliedna u tal-banda tagħna stess, ma bżajniex neħduhom. Il-kumitat eżekuttiv tagħna wasal s'hawn għax kapaċi jieħu deċiżjoni. Min mhux kapaċi jieħu deċiżjoni, anke jekk ikun ċert li se twassal għar-riperkussjonijiet, ikun bla sinsla u nieqes mill-kwalitajiet li jeħtieġ kumitat ta' tmexxija. Għall-grazzja t'Alla mhux il-każ fl-għaqda tagħna. Fil-bidu tas-sena l-kumitat iddeċieda li jagħmel tibdil fid-direzzjoni tal-banda. Is-Surmast Tancred Grech inħatar Surmast Direttur tal-banda. Issa l-banda tagħna għandha surmast kapaċi, u wara kollox tana l-ewwel preferenza. B'dan it-tibdil inħatar assistent surmast Neville Pace.



*Mro Neville Pace*

Il-Ħadd, 30 ta' Marzu 2014 il-banda għamlet programm ta' marċi fuq iz-zuntier waqt maratona ta' ġbir ta' fondi b'risq id-Dar tal-Providenza.



*Il-banda waqt il-programm mużikali li għamlet b'risq id-Dar tal-Providenza*

Fis-6 ta' Ġunju 2014 ittellgħet is-serata Flimkien għall-Banda. Waqt din l-attività, li saret fis-sala tal-kunsill lokali, il-bandisti u l-allievi tagħna kellhom l-opportunità li quddiem udjenza sabiħa juru x'qed jitgħallmu.

Fil-festa tas-sena 2014 iddebuttaw 7 bandisti ġodda biex l-ammont ta' bandisti tela' għal 18. Barra minn hekk qabel il-festa saru żewġ servizzi barra mill-Imġarr. Dawn kienu fil-festa tad-Duluri f'San Pawl



*L-udjenza li attendiet għas-serata Flimkien għall-Banda fis-6 ta' Ġunju 2014*

il-Baħar, nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2014, u l-Ħadd ta' wara, 27 ta' Lulju 2014 f'Ħal Lija fil-festa tas-Salvatur. Għamilna żewġ settijiet ta' libretti ġodda, wieħed bl-innijiet Marjani u marċi proċessjonali u ieħor bil-marċi brijużi. Xtaqna li għall-festa nżanżnu l-badges tal-brieret tal-bandisti, iżda minħabba limitazzjoni ta' fondi, u peress li rridu naħsbu għall-proġett tal-każin, kellna nipposponu l-pjan. F' din il-festa iżżanżan l-innu marċ *Sultana tal-Imġarr*. Dan l-innu ferm għal qalb il-partitarji għandu l-lirika ta' Joe Julian Farrugia u l-mużika tas-Surmast Direttur Tancred Grech.

F'Ottubru nżammet it-tielet laqgħa ġenerali tas-Soċjetà. F'din il-laqgħa nħatar kumitat ġdid, kumitat ikbar minn ta' qablu u għalhekk iktar xieraq; kumitat b'nies ġodda li ġabu magħhom ideat ġodda. Jien nemmen li l-kumitat tagħna jimxi 'l quddiem għax hu kompost minn diversi ġenituri ta' bandisti u allievi tagħna. Ngħiduha kif inhi… min ma jixtieqx il-ġid lil uliedu? U la jixtiequ l-ġid 'l uliedhom, jistinkaw għall-ġid tal-banda, għax uliedhom huma parti importanti minnha. Dan l-element ta' ġenituri fil-kumitat eżekuttiv għen mhux ftit biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas, li kien jinħass sew, f'dik li hi esperjenza ta' tmexxija ta' banda, xi ħaġa li sfortunatament kienet teżisti f'diversi membri tal-kumitat ta' qabel. Sinċerament nistqarr li sħabi tal-kumitat kollha jagħtu dak kollu li jistgħu biex nibqgħu mexjin 'il quddiem. Xi drabi jkun hemm ċirkustanzi li xi wħud inaqqsu mill-impenn, imma wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dawn huma kollha voluntiera, u li x-xogħol tal-banda jagħmluh fil-ħin liberu, u wara x-xogħol, tagħhom.

Dan il-kumitat eżekuttiv ħass li



*L-ewwel sottokumitat tan-nisa*



*L-ewwel kummisjoni banda li twaqqfet*



*L-ewwel bord editorjali*

għandu jibda jiddelega parti mill-ħidma tiegħu. Dan sar possibbli bit-twaqqif ta' żewġ sottokumitati, dak tan-nisa u l-Kummissjoni Banda. L-ewwel wieħed għen fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet soċjali, filwaqt li l-Kummissjoni Banda twaqqfet biex tieħu ħsieb il-ħidma relata mal-banda. Għall-ewwel darba wkoll twaqqaf, b'mod uffiċjali, il-bord editorjali biex jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tas-Soċjetà.

Propju jumejn wara l-festa tal-2014, l-għada tax-xalata, saret ġita għal Sqallija. Grupp sabiħ ta' Mġarrin, fosthom ukoll diversi emigranti li ġew igawdu l-festa magħna, attendew għal din il-ġurnata ta' divertiment fi Sqallija.

Ftit jiem wara grupp ta' żgħażagħ Imġarrin kienu ffurmaw kummissjoni fi ħdan l-għaqda tagħna. Kien jidher li kellhom l-entużjażmu u l-ħeġġa, tant li fit-28 ta' Settembru 2014 organizzaw car wash b'risq il-banda. Wara din l-attività kien hemm tentattiv biex jorganizzaw attivitajiet oħra, iżda minħabba raġuni jew oħra ma sarux. Mhux hekk biss, talli li din il-kummissjoni ma baqgħetx tiltaqa' u minħabba diversi impenji li kellhom il-membri tagħha dan il-grupp sfaxxa fix-xejn. Ħasra, għax veru kont nemmen li se jkunu ta' għajnuna.

Jekk il-Kummissjoni Żgħażagħ ma kinitx suċċess, il-kuntrarju jkolli ngħid għal dik tan-nisa. Din is-sezzjoni organizzat attività wara l-oħra, coffee mornings, parties, ħarġiet u ikliet. Nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 organizzaw ħarġa għall-monti tal-Birgu. Minbarra dawn l-attivitajiet, għamlu 3 parties għat-tfal. Dawn kienu fil-31 ta' Ottubru 2014, meta għamlu Halloween Party, fis-27 ta' Diċembru 2014 għamlu party tal-Milied u fil-Karnival organizzaw party fl-14 ta' Frar 2015.

# 2015

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ħasbu biex jorganizzaw late breakfast fil-Pergola Hotel, il-Mellieħa. Dan kien fis-6 ta' Mejju 2015. Minbarra dawn l-attivitajiet li organizzat, din is-sezzjoni kienet ta' għajnuna kbira fl-attivitajiet kollha li organizza l-kumitat eżekuttiv.

Il-kumitat eżekuttiv organizza diversi attivitajiet ukoll. Dawn kienu buffet pasta night għand il-Barri Restaurant fit-30 ta' Jannar, ikla s-Sunny Bar & Restaurant fit-13 ta' Marzu, oħra għand Il-Bennej Restaurant fis-17 t'April, buffet pasta night fl-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija fil-25 ta' Mejju 2015, u barbikju grandjuż fejn is-salib ta' taħt il-knisja nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju. Minbarra dawn, wara s-suċċess li ksibna fil-ġita lejn Sqallija fis-26 t'Awwissu 2014 erġajna għamilna oħra fis-27 ta' Ġunju 2015.



L-ewwel laqgħa mal-Mons. Kalċidon Vassallo hekk kif ħa r-responsabiltà tal-parroċċa tal-Imġarr

Data importanti fl-istorja tal-għaqda tagħna hi dik tas-6 ta' Frar 2015. Dakinhar il-kumitat eżekuttiv kellu laqgħa sabiħa ħafna mal-Kappillan tal-parroċċa tagħna Mons. Kalċidon Vassallo. Waqt din il-laqgħa l-kumitat stieden lill-Kappillan biex ikun id-direttur spiritwali tas-Soċjetà u fl-istess waqt offrielu li dakinhar tal-pussess tiegħu l-banda takkumpanjah bid-daqq ta' marċi brijużi. Dun Kalċ aċċetta bil-ferħ iż-żewġ offerti u wiegħed l-appoġġ kollu tiegħu għall-banda, ħaġa



Membri tal-kumitat jilqgħu lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof u lil Mons. Kalċidon Vassallo dakinhar li ħa l-pussess ta' kappillan għat-tieni darba fil-parroċċa tal-Imġarr



Il-banda tasal f'Wesgħet il-Ġublew filwaqt li takkumpanja lil Mons. Kalċidon Vassallo għall-pussess

li ma naqas qatt li jwettaq tul ix-xhur li dam fostna.

Nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2015 inżammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Dakinhar inħatar kumitat ġdid. F'din l-istess laqgħa s-Sinjura Rose Apap Bologna nħatret kaxxiera tal-għaqda.



*Servizz mużikali fil-Kulleġġ San Andrea b'risq għaqdiet filantropiċi*

Fost l-ammont ta' impenji mużikali li kellha l-banda f'dan il-perjodu nsibu servizz li l-banda għamlet biex jinġabru l-fondi għal Puttinu Cares u għaqdiet filantropiċi oħra. Dan is-servizz sar wara stedina li saritilna mill-Kulleġġ San Andrea, li jinsab fil-limiti tal-Imġarr.

Dan kien nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju. Il-bandisti barranin li daqqew mal-banda tagħna f'din l-inizjattiva taw is-servizz tagħhom bla ħlas. Dan lilna jagħmlilna kuraġġ għax juru r-rispett li għandhom lejn l-għaqda żagħżugħa tagħna. Dan però ma kienx l-ewwel servizz ta' din is-sena. Is-servizzi mużikali fl-2015 raw il-bidu tagħhom nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju 2015 – jum il-bidu tal-ħidma pastorali fostna tal-maħbub Kappillan Kalċidon Vassallo, il-bniedem li rnexxielu jerġa' jġib lura fost l-għaqdiet Imġarrin l-armonija u s-serenità. Dakinhar tal-1 ta' Mejju l-banda tagħna akkumpanjat lill-Kappillan flimkien mal-Eċċellenza Tiegħu Mons. Arċisqof Charles Scicluna minn fejn l-iskola sal-knisja bid-daqq ta' marċi brijużi. Ta' min isemmi li dan kien l-ewwel servizz li l-banda tagħna għamlet f'pussess ta' kappillan.


*Il-badges tal-brieret tal-bandisti*

Imbagħad nhar il-Ħadd 10 ta' Mejju l-banda ħadet sehem f'attività organizzata mill-kunsill lokali biex jitfakkru l-vittmi Mġarrin tal-gwerra. Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju l-Kummissjoni Banda tagħna flimkien mal-kumitat eżekuttiv u s-Sezzjoni Nisa tellajna s-serata annwali Flimkien għall-Banda. Bħas-sena l-oħra din kienet suċċess kbir u tat opportunità xierqa lill-allievi u l-bandisti tagħna biex jesponu quddiem dawk preżenti dak li tgħallmu u li qed jitgħallmu.



*Il-banda waqt is-servizz li għamlet fil-festa tas-Sultana tal-Martri ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar*

Jumejn biss wara, il-Ħadd 7 ta' Ġunju, wara nuqqas ta' sena, erġajna ħadna sehem bid-daqq ta' innijiet ewkaristiċi fil-festa ta' Corpus Christi fl-Imġarr.



*Il-banda ddoqq waqt it-tranżlazzjoni fil-festa ta' Santa Marija*

Wara dawn is-servizzi li għamilna f'raħalna, għat-tieni sena konsekuttiva rġajna ġejna mistiedna u għamilna żewġ servizzi esterni. Għal darb'oħra dawn kienu f'San il-Baħar nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju għall-festa ta' Marija Addolorata u nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju għal dik ta' Ġesù Salvatur f'Ħal Lija.

Wara, l-impenn mużikali ssokta bil-kbir fil-festa titulari, b'total ta' sitt servizzi li tlieta minnhom kienu jinkludu programm mużikali. Naturalment l-istennija kienet għal dak tal-Ħadd 16 t'Awwissu, il-programm ta' mużika sagra li l-banda esegwiet fil-knisja parrokkjali. Waqt dan il-programm il-banda tagħna daqqet għall-ewwel darba L-Innu l-Kbir lil Santa Marija, tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u Dun Oraz Vella. Il-banda kienet akkumpanjata mill-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Lejlet il-festa u nhar il-festa l-banda għamlet programm mużikali fuq il-planċier armat fuq iz-zuntier.



*Waqt il-programm vokali u strumentali ta' lejlet il-festa tal-2015*

Nhar il-festa l-banda akkumpanjat il-purċissjoni devota ta' Santa Marija. Servizzi oħra fil-festa ta' dik is-sena kienu fil-festa tat-tfal, meta anke daqqejna waqt il-quddiesa kkonċelebrata fi Triq Dun Edgar. Għal darb'oħra fl-aħħar jum tat-tridu sar il-marċ il-kbir tal-briju. Lejlet il-festa, minbarra l-programm vokali u strumentali, il-banda daqqet waqt it-tranżlazzjoni solenni.



*Membri tal-kumitat jiġbru l-envelopes bid-donazzjonijiet*

Ta' min isemmi li biex dan kollu kien possibbli, flimkien mal-attivitajiet li organizzajna u li jien semmejt iktar 'il fuq, fil-bidu ta' Ġunju qassamna u ġbarna l-envelopes bid-donazzjonijiet.

Matul is-sena t-tagħlim tal-banda bla ħlas għal kulħadd baqa' għaddej. Is-Surmast Direttur Tancred Grech u l-Assistent Surmast Neville Pace ta' kull ġimgħa taw il-lezzjonijiet lill-allievi u l-bandisti tagħna. Minbarra l-lezzjonijiet saru wkoll diversi kunċerti biex il-banda tkun ippreparata tajjeb għas-servizzi mużikali.

Il-kumitat eżekuttiv, is-Sezzjoni Nisa, il-bord editorjali u l-Kummissjoni Banda ltaqgħu b'mod regolari biex saru t-tħejjijiet neċessarji. Meta tikkonsidra li aħna kollha voluntiera ma tistax ma tapprezzax il-ħidma li nwettqu lkoll flimkien mingħajr ma nistennew xejn lura. Imma dan hu s-sabiħ tal-volontarjat, li tagħti mingħajr ma tistenna li tirċievi xi ħaġa lura.

Fil-bidu ta' Ġunju 2015 ħareġ ukoll il-permess tal-MEPA biex jibda x-xogħol fuq il-proġett tal-każin.



Copy of Original Decision Notice

MEPA

Date:12 June 2015
Our Ref: PA/02776/14

Mr. Joseph Caruana
Socjeta Filarmonika Marija Mtella S-Sema
C/O 48, Santa Marija
Triq Il-Kbira
Mgarr MGR 1110

Application Number: PA/02776/14
Application Type: Full development permission
Date Received: 17 February 2014
Approved Documents: PA2776/14/1A/65A/65B; and

*Supporting Documents:*
*Fire Safety, Ventilation and Noise Mitigation Report:* PA2776/14/1
*Environmental Health Directorate:* PA2776/14/35A;
*Water Services Corporation:* PA2776/14/42;
*National Commission Persons with Disability:* PA2776/14/48A;
*Superintendence of Cultural Heritage:* PA2776/14/54A.

Location: Socjeta Filarmonika Marija Mtella s-Sema, Triq Sir Harry Lu
Malta

*Il-permess tal-proġett tal-każin*

Ftit jiem wara l-festa, minħabba n-numru sabiħ ta' allievi li jitgħallmu l-istrumenti tal-qasba, inħasset il-ħtieġa li nżidu għalliem ieħor. Għalhekk ħtarna lil Beatrix Calleja biex timla din il-kariga. Lejn l-aħħar tas-sena ddeċidejna li nwaqqfu skola tal-mużika. Din id-deċiżjoni



*Is-Sinjorina Beatrix Calleja*



*Mro Mauro Spiteri*



*Mro Henry Fenech*

ġabet magħha wkoll xi tibdil fl-għalliema. Fil-fatt il-kumitat iddeċieda li jwaqqaf lill-Assistent Surmast Neville Pace mill-kariga tiegħu u minfloku ħatar lil Mro Mauro Spiteri. Mro Henry Fenech inħatar ukoll għalliem fi ħdan l-għaqda. Bit-twaqqif tal-iskola tal-mużika bdejna noffru t-tagħlim tat-teorija tal-mużika taħt il-kappa tal-London College of Music. Mela biex ma nfixklu lil ħadd, Mro Tancred Grech baqa' surmast direttur tal-banda u għalliem tal-istrumenti tar-ram u t-teorija, Mro Mauro Spiteri beda jgħallem it-teorija filwaqt li Mro Henry Fenech u Beatrix Calleja huma responsabbli mit-tagħlim tal-istrumenti tal-qasba.

Il-banda baqgħet tagħmel numru sabiħ ta' servizzi mużikali. L-ewwel impenn mużikali tal-banda kien fil-5 ta' Diċembru 2015, meta għall-ewwel darba għamilna s-serata Il-Milied mal-Banda. Fi ftit kliem din kienet tikkonsisti f'kunċert mill-banda u wara ikla biex nibdew iż-żmien sabiħ tal-Milied flimkien.

# 2016



*Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt l-ewwel recording ta' CD ta' innijiet Marjani bil-kant u marċi brijużi*



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech jiddiskuti mar-recording engineer Alec Massa waqt l-ewwel recording tal-banda Mġarrija*

Nhar is-Sibt 2 ta' April, 2016 kien jum speċjali għalina. Dan għaliex dakinhar sar ir-recording tal-ewwel CD tagħna. Din tinkludi l-innijiet li jindaqqu fil-festa. Flimkien mal-banda ħadu sehem il-kor tal-parroċċa tagħna Regina Coeli, taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi, u s-solisti Marita Bezzina u Michela Galea. Wara l-banda ħadet sehem fit-tifkira tal-vittmi tal-gwerra nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju. Ftit jiem wara, nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju, kellna s-serata annwali Flimkien għall-Banda.

L-aħħar ġimgħa ta' Lulju u l-bidu t'Awwissu kienu impenjattivi ferm għall-banda tagħna. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li għat-tielet sena konsekuttiva nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju għamilna marċ brijuż fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Salvatur, iċċelebrata f'Ħal Lija, u erbat ijiem wara, il-Ħadd 31 ta' Lulju filgħaxija, fuq stedina tal-banda ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn, daqqejna fil-festa titulari tal-Iskalin, dik dedikata lil Sant'Anna. Imbagħad kellna żewġ servizzi wara xulxin. Nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu, għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, il-banda daqqet fil-belt kapitali tagħna Valletta. Fuq stedina tal-kumitat tal-festa għamilna marċ brijuż fil-festa ta' San Duminku.

L-għada, il-Ġimgħa 5 t'Awwissu, bdejna l-impenji tal-festa tagħna. Dakinhar ħadna sehem bil-banda fiċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Imbagħad is-servizzi ssoktaw is-Sibt 13 ta' Awwissu. Fil-knisja parrokkjali l-banda esegwiet programm ta' mużika sagra, bis-sehem tal-kor tal-parroċċa u s-solisti Pauline Vella, Michela Galea u s-Sopran Marita Bezzina. Dan kien avveniment importanti għalina, għax waqt dan

il-programm iżżanżan l-innu popolari l-ġdid. Dan l-innu, li ssemma Infaħħruk Dejjem, għandu l-mużika tas-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech u l-versi ħadt ħsiebhom jien. L-innu tkanta mill-Imġarrija Michela Galea. Waqt dan il-programm tnediet is-CD Infaħħruk Dejjem.




*Is-CD Infaħħruk Dejjem*

Fil-festa tat-tfal, li kienet nhar it-Tlieta 16 t'Awwissu, il-banda ħadet sehem waqt il-quddiesa, li saret fi Triq Dun Edgar, billi daqqet innijiet Marjani. Nhar il-Ġimgħa 19 t'Awwissu l-banda għamlet il-marċ brijuż tal-aħħar tat-tridu. Lejlet il-festa, wara l-quddiesa tat-tranżlazzjoni, il-banda għamlet marċ qasir u wara esegwiet programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Flimkien mal-banda ħadu sehem it-Tenur Georg Zammit, is-Sopran Marita Bezzina u l-kantanta Michela Galea. F'jum il-festa l-banda tagħna għamlet marċ mat-toroq prinċipali qabel il-ħruġ tal-purċissjoni, imbagħad wara daqqet fuq il-planċier L-Innu l-Kbir lil Santa Marija. Il-kor Regina Coeli akkumpanja lill-banda. Imbagħad il-banda akkumpanjat il-purċissjoni.

Nhar it-13 t'Ottubru, 2016, fakkarna l-ħames anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà. Fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr ġiet iċċelebrata quddiesa ta' ringrazzjament. Waqt din il-quddiesa, li għaliha attendew numru sabiħ ta' nies, ħadet sehem il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Akkumpanjaw il-banda l-vuċijiet sbieħ ta' Michela Galea u Lucienne Calleja, illum Schembri. Il-banda ħadet sehem fil-quddiesa li tikkommemora dan l-avveniment.

Fix-xahar ta' Novembru l-banda kienet impenjata f'żewġ servizzi b'konnessjoni mal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. Dawn saru wieħed fil-każin tal-Banda Birżebbuġa u l-ieħor fil-maħżen tal-Assunta tal-Imġarr. Il-bandisti taż-żewġ baned daqqew flimkien siltiet mużikali.



*Mro Henry Fenech imexxi l-banda Mġarrija u dik ta' Birżebbuġa fil-każin tal-Banda Birżebbuġa waqt il-programm tal-Aġenzija Żgħażagħ*



*L-Assistent Surmast Mauro Spiteri waqt waħda mil-lezzjonijiet tat-teorija*

It-tagħlim tal-Banda bla ħlas lit-tfal Imġarrin baqa' għaddejj tul is-sena kollha.



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech jagħti lezzjoni tat-teorija tal-mużika*

Kif ġa għedt iktar 'il fuq, il-banda ħadet sehem waqt l-attività Il-Milied mal-Banda, li ġiet organizzata nhar is-Sibt, 3 ta' Diċembru 2016. L-għada l-Ħadd il-banda reġgħet daqqet flimkien mal-Banda Birżebbuġa waqt il-Christmas Village, attività organizzata mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Permezz tal-proġett Look Forward ingħatajna s-somma ta' €5,000 mill-Fond tal-Kawżi Ġusti. B'dawn il-fondi nxtraw sett tnabar timpani. Dan l-istrument jintuża ħafna mill-banda, l-iktar waqt il-programmi mużikali.

# 2017

Bħal kull sena din is-sena saru bosta attivitajiet soċjali. Il-Ħadd, 19 ta' Frar 2017 ġiet organizzata fun walk. Nhar l-Erbgħa, 12 ta' April 2017 organizzajna ġurnata Għawdex. F'din il-ġurnata, li bdiet b'quddiesa fil-knisja tax-Xewkija, żorna l-postijiet li għandhom il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Fil-fatt morna l-Qala, ir-Rabat, iż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur. Għamilna żjara qasira wkoll fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. F'nofs il-jum kellna ikla f'ristorant Marsalforn.

L-ikla l-kbira tal-festa saret nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Awwissu 2017, dakinhar li bdiet il-kwindiċina. Din kienet ġurnata twila, peress li l-banda tagħna ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa. Il-banda tagħna mbagħad kompliet bid-daqq tal-marċi f'Wesgħet il-Ġublew, fejn waslet sa fejn is-salib tal-knisja, il-post li fih ġiet organizzata l-ikla tal-festa. Il-banda ħadet sehem bid-daqq tal-marċi u l-kanzunetti waqt din l-attività.

It-tagħlim tal-mużika u l-banda jibqgħu l-għan ewlieni, u kif inhu xieraq jingħataw l-iktar importanza. Matul dan iż-żmien bqajna għaddejjin bil-lezzjonijiet tal-prattika u tat-teorija. Diversi studenti għamlu l-eżamijiet tat-teorija tal-London College of Music u kisbu riżultati tajbin. Ħafna minnhom saħansitra ġabu distinction. Dan lilna, filwaqt li jurina li qbadna t-triq it-tajba, jimliena b'kuraġġ kbir. Għal darb'oħra rġajna ngħatajna l-għajnuna mill-Aġenzija Żgħażagħ. Il-proġett ta' din is-sena kellu t-tema 'Inkomplu nsaħħu l-banda'. Dan sar bi sħab mal-Banda Birżebbuġa, kif sar il-proġett tas-sena preċedenti. Bil-għajnuna li ħadna minn dan il-proġett taffejna ftit l-ispiża biex inħallsu l-għalliema tagħna, filwaqt li xtrajna żewġ strumenti oħra – piccolo u ewfonju. Parti minn dan il-proġett kienet li l-allievi tagħna jagħmlu wkoll l-eżamijiet tal-prattika taħt l-istess kappa tat-teorija, jiġifieri dik tal-London College of Music.



*Waqt is-sessjoni ta' master classes mogħtija minn Andrea Kuypers*

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna nhar it-Tnejn, 10 ta' April 2017 organizzajna master classes għall-allievi u l-bandisti tagħna li jagħmlu parti mis-sezzjoni tal-

istrumenti tal-qasba. Dawn saru mill-flawtista ta' fama internazzjonali Andrea Kuypers. Kuypers, minbarra li hi mużiċista brava ħafna li ġiet diversi drabi ddoqq f'pajjiżna, hi wkoll għalliema professjonali fl-Università ta' Napier, l-Iskozja.

L-ewwel impenn tal-banda fis-sena 2017 kien nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu. Dakinhar, bil-kollaborazzjoni tal-kunsill lokali tal-Imġarr, u l-Għaqda Patrimonju u Festi Mġarr, tellajna l-programm Ave Specs Unica. Dan kien programm ta' marċi funebri u sar fil-knisja parrokkjali ta' raħalna. Waqt is-serata Ġorġ Peresso qara xi ħsibijiet minn tiegħu. Is-serata ġiet ippreżentata mis-Sur Mario Sant. Id-direzzjoni tal-banda kienet f'idejn is-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech.




*Il-poster tal-programm ta' marċi funebri Ave Specs Unica*

Imbagħad il-banda kien imiss li tieħu sehem bid-daqq ta' marċi brijużi waqt l-open day li organizzajna. Din kienet nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju filgħodu. L-iskop tal-open day kien li jinfetaħ għall-wiri l-post fejn se jkun il-każin tagħna, qabel jibdew ix-xogħlijiet. Waqt din l-istess attività tnediet l-iskema ta' ġbir ta' fondi b'risq il-proġett tal-każin – Sehmi għall-Każin Tiegħi.

Lulju u Awwissu huma ferm attivi għall-banda. Dan peress li l-banda jkollha diversi impenji f'diversi servizzi mużikali, kemm fl-Imġarr kif ukoll f'lokalitajiet oħra. Għall-ewwel darba l-banda ġiet mistiedna biex takkumpanja l-purċissjoni ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Dan is-servizz sabiħ il-banda għamlitu nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju. Imbagħad il-Ħamis, 27 ta' Lulju 2017 ħadna sehem fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Ftit jiem wara, nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju 2017, konna mistiedna biex nakkumpanjaw il-purċissjoni ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn. Għal darb'oħra wkoll il-Kumitat Festi Esterni ta' San Duminku tal-Belt Valletta reġa' stedinna biex nagħmlu

marċ brijuż nhar il-Ħamis, 3 ta' Awwissu, fil-festa ta' San Duminku, li tiġi ċċelebrata fil-Belt kapitali Valletta.

L-impenji tal-festa bdew l-għada l-Ġimgħa 4 ta' Awwissu bil-ħruġ tal-vara min-niċċa. Il-banda ħadet sehem waqt waqt il-quddiesa tat-tfal, il-Ġimgħa 11 ta' Awwissu. Il-jum tat-13 ta' Awwissu kien jum importanti. Dan għaliex għall-ewwel darba fl-istorja għamilna l-marċ ta' filgħodu fl-Imġarr, filwaqt li filgħaxija l-banda tellgħet il-programm ta' mużika sagra fil-knisja parrokkjali. Fil-jum tal-Ġimgħa 18 ta' Awwissu l-banda għamlet il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Lejlet il-festa sar marċ qasir u wara programm vokali u strumentali fuq il-planċier armat fuq iz-zuntier. F'jum il-festa l-banda għamlet marċ mat-toroq prinċipali tal-Imġarr. Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni l-banda daqqet l-innu l-kbir Lil Santa Marija. Hawn kienet akkumpanjata mill-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Wara akkumpanjat il-purċissjoni sakemm il-vara waslet il-pjazza.



*Il-banda tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-planċier lejlet il-festa tal-2017*

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fl-ewwel fażi tal-proġett tal-każin beda nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2017. F'din il-fażi tneħħiet il-ħamrija u tneħħa l-konkos li kellu bżonn jinbidel fil-parti ta' barra tal-binja. Sar ukoll it-tħammil biex jinbnew il-ħitan li jifirdu s-sit tal-każin mill-binja kollha. Hawn ma nistax ma nsemmix u ma nirringrazzjax lill-Perit David Vassallo kif wkoll lill-kumpanija PLR Excavations, li għamlu dan ix-xogħol bla ħlas. Ħajr ukoll lill-Onor. Dr Ian Borg tal-għajnuna tiegħu.



*Waqt ix-xogħol ta' tħammil fil-każin*



*Il-Perit David Vassallo flimkien miegħi waqt waħda mis-site visits li saru fil-każin*

# 2018

Nhar is-Sibt, 3 ta' Frar 2018, fuq stedina tal-kunsill lokali tal-Imġarr, il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, flimkien mal-banda Principessa Yolanda ta' Mathi, tellgħet programm fil-knisja ta' Sant'Anna fiż-Żebbiegħ. L-għada filgħodu ż-żewġ baned daqqew flimkien fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr, waqt quddiesa ta' radd il-ħajr li saret bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Ġieħ l-Imġarr.

Fil-festa titulari ta' Santa Marija bi tmien servizzi mużikali. L-ewwel impenn tagħna kien il-Ġimgħa, 3 ta' Awwissu 2018, meta l-banda daqqet marċi brijużi qabel il-ħruġ tal-vara min-niċċa u ħadet sehem ukoll fiċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-vara. Wara mbagħad kompliet iddoqq marċi brijużi sal-każin, fejn ġiet organizzata l-ikla l-kbira tal-festa. Waqt din l-ewwel attività, li ġiet organizzata fil-bitħa tal-każin, kellna varjetà mill-mistiedna speċjali Joe Farrugia, id-Dulli, u Veronica. Il-banda ferrħet ukoll lil dawk preżenti. Dakinhar iżżanżnet id-diska *Ġmiel t'Awwissu*, li għandha l-mużika tas-Surmast Joe Brown u l-versi ta' Joe Julian Farrugia. Din tkantat live minn Rachel Lowell, li wkoll ferrħet lill-udjenza b'songs oħra tagħha.



*L-ikla tal-festa, għall-ewwel darba organizzata fl-ewwel jum tal-kwindiċina. L-ikla saret fil-parkeġġ tal-każin*



*Is-Surmast Joe Brown u l-kantanta Rachel Lowell wara r-recording tas-song Ġmiel ta' Awwissu*

Il-Ġimgħa 10 t'Awwissu l-banda daqqet waqt il-quddiesa li saret fi Triq Dun Edgar fl-okkażjoni tal-festa tat-tfal. Il-banda hawn kienet taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Mauro Spiteri.

Il-Ħadd 12 t'Awwissu l-banda kellha żewġ impenji. Filgħodu għamlet il-marċ tant mistenni ta' filgħodu filwaqt li filgħaxija, fil-



*Waqtiet mill-festa tal-2018*

knisja parrokkjali tal-Imġarr, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Tancred Grech, il-banda Mġarrija tellgħet programm ta' mużika sagra. Waqt dan il-programm flimkien mal-banda ħadu sehem l-arpista Jacob Portelli, is-Sopran Marita Bezzina u l-kor Regina Coeli taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi.

Il-Ħamis, 16 ta' Awwissu 2018 il-banda daqqet marċi brijużi f'diversi toroq u wara tellgħet programm ta' mużika leġġera fuq iz-zuntier tal-knisja. Dan il-programm tmexxa mill-Assistent Surmast Mauro Spiteri.

Fil-jum tal-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu 2018 filgħodu numru ta' bandisti ferrħu lit-tfal li attendew l-iSkolasajf tal-Imġarr. Minbarra li daqqejna l-innijiet tal-festa, is-Surmast Tancred Grech ta ftit informazzjoni dwar l-istrumenti tal-banda.

Filgħaxija mbagħad il-banda għamlet il-marċ popolari tal-aħħar jum tat-tridu. Fl-għeluq tal-marċ intwera l-feature Inkomplu Nissudaw, miktub minni Joseph Caruana. Segwa mbagħad spettaklu ta' nar tal-art u tal-ajru. Wara, id-DJ popolari Pierre Cordina ferraħ lil dawk preżenti bid-daqq tal-mużika akkumpanjata mid-dawl u l-briju.

Lejlet il-festa, is-Sibt 18 ta' Awwissu, il-banda għamlet marċ qasir wara tmiem il-quddiesa tat-tranżlazzjoni, imbagħad tellgħet programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tancred Grech. Ħadu sehem mal-banda t-Tenur Georg Zammit u l-kantanti Michela Galea u Rachel Lowell. Ħa sehem ukoll kor ta' tfal Imġarrin.

Il-Ħadd, jum il-festa, nhar id-19 t'Awwissu 2018, il-banda daqqet marċi brijużi qabel il-ħruġ tal-purċissjoni bil-vara titulari. Waqt il-ħruġ daqqet L-Innu l-Kbir, tas-Surmast Joseph Abela Scolaro, u l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija. Imbagħad akkumpanjat il-vara titulari ta' Santa Marija waqt il-purċissjoni hekk kif intemm ir-rużarju fi Triq San Pawl saz-zuntier tal-knisja.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2018 ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place, l-Imġarr.

Fl-aħħar Ħadd ta' Settembru, propju fit-30 ta' Settembru 2018, il-banda ħadet sehem waqt festival organizzat mir-Reġjun Tramuntana fl-Imġarr. Il-banda daqqet diversi marċi brijużi fl-isfilata li bdiet minn ħdejn l-iskola tal-Imġarr u baqgħet sejra sal-pjazza. Wara ttellgħet varjetà minn diversi baned barranin.



*Il-banda ddoqq waqt il-festival internazzjonali tal-folklor organizzat mir-Reġjun tat-Tramuntana fl-Imġarr*

Is-Sibt, 13 ta' Ottubru 2018 ġie organizzat torti night fil-maħżen tal-knisja.

Il-Ħamis 18 ta' Ottubru għamilna coffee morning għand iċ-Ċavett Place.

F'dan ix-xahar l-għalliem tal-allievi Henry Fenech ta r-riżenja tiegħu minħabba raġunijiet personali. Wara diversi kuntatti, is-Sur Charlie Pace ntgħażel biex jieħu l-post battal li ħalla s-Sur Fenech. F'dan ix-xahar ukoll



*Is-Sur Charlie Pace*



*Mro Andrea Cassar*

tqassam ktieb tat-tpinġija lil dawk kollha li jattendu l-iskola primarja tal-Imġarr. Id-disinji saru minn Amanda Muscat. Dan il-ktieb kien jifforma parti minn proġett li għamlet l-għaqda tagħna, iffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ. Ta' min jgħid li permezz ta' dan il-ktieb, wara d-domanda li kellna, bdew is-sessjonijiet ta' apprezzament tal-mużika msejħa Music Buzz. Biex imexxi dawn is-sessjonijiet il-kumitat ħatar lil Mro Andrea Cassar.

F'dan ix-xahar ukoll il-banda kellha impenn l-Imġarr nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru u ieħor f'Birżebbuġa fis-7 ta' Novembru, bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. F'dan ix-xahar ukoll ġie preżentat ir-rapport finali tal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ.



*Il-President is-Sur Giovanni Gatt waqt iċ-ċerimonja ta' Santa Ċeċilja*

Nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà fil-kunsill lokali tal-Imġarr.

Il-Ħamis 15 ta' Novembru ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place.

Nhar is-Sibt, 23 ta' Novembru 2019 il-President tas-Soċjetà attenda bl-istandard għal quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja.

Il-Ġimgħa 30 ta' Novembru għamilna quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-membri u familjari mejtin.

L-impenji mużikali f'Diċembru bdew fit-8 ta' Diċembru, meta dakinhar daqqejna fl-okkażjoni tal-pussess tal-kappillan il-ġdid Dun George Schembri. Is-servizz beda billi lqajna l-Kappillan quddiem l-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija u wara daqqejna marċi brijużi fi Triq Santa Marija, Triq Fisher u Wesgħet il-Ġublew, fejn wassalna lill-Kappillan sal-knisja parrokkjali biex jieħu l-ħatra tiegħu. Wara l-marċ il-membri tal-kumitat attendew għall-quddiesa tal-pussess.



*Membri tal-kumitat flimkien mal-Kappillan Dun George Schembri u l-Arċisqof Charles Scicluna qabel il-quddiesa tal-pussess*

Qabel dan l-impenn mużikali nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru ġie organizzat coffee morning iċ-Ċavett Place.

## *L-ewwel safra tal-banda Marija Mtellgha s-Sema tal-Imġarr*

Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr għamlet l-ewwel safra tagħha bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru 2018. Din kienet fil-villaġġ ta' Mathi, li jagħmel parti mill-belt metropolitana ta' Turin fir-reġjun tal-Piemonte. F'dan il-post il-banda kellha l-ewwel servizz mużikali tagħha barra minn xtutna.

Dan kollu kien possibbli grazzi għall-ġemellaġġ li hemm bejn il-kunsill lokali tal-Imġarr u l-Komun ta' Mathi. L-istedina saret mill-Komun ta' Mathi, fl-okkażjoni tal-10 sena minn meta ġie ssiġillat dan il-ġemellaġġ



*Wieħed mill-kunċerti bi preparazzjoni għall-ewwel safra tal-banda, f'Diċembru 2018*

u fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-sede l-ġdida tal-banda Principessa Yolanda ta' Mathi.



*Membri tal-kumitat flimkien mas-Sindku tal-Imġarr is-Sur Paul Vella u s-Sindku ta' Mathi s-Sur Maurizio Fariello waqt l-ewwel safra tal-banda Mġarrija f'Mathi, Turin, fis-16 ta' Diċembru 2018*

Il-banda Mġarrija kienet akkumpanjata minn grupp sabiħ ta' Maltin, l-iktar Imġarrin, li flimkien ma' din is-soċjetà żagħżugħa għexu dawn il-mumenti sbieħ u komplew jiktbu l-istorja ta' din l-għaqda mimlija entużjażmu u enerġija.

Il-qofol ta' din iż-żjara ntlaħaq il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018, meta ż-żewġ baned daqqew flimkien l-innu nazzjonali Malti u dak Taljan waqt iċ-ċerimonja tat-tlugħ tal-bnadar nazzjonali. Wara l-baned daqqew marċi brijużi fit-toroq ta' Mathi. Meta l-baned waslu quddiem is-sede l-ġdid tal-banda Principessa Yolanda saret l-inawgurazzjoni tal-post.




*Il-programm relatat li sar mill-banda ta' Mathi mal-mawra tal-banda Mġarrija f'Mathi*

Wara li l-baned ferħu lil dawk preżenti fit-toroq bid-daqq ta' marċi brijużi, u f'kesħa xxoqq il-għadam, kien imiss li ż-żewġ baned itellgħu kunċert tal-Milied.

Fetħet dan il-kunċert il-banda Mġarrija, li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Tancred Grech. Waqt dan il-kunċert il-banda Mġarrija daqqet għall-ewwel darba s-silta miktuba għal din l-okkażjoni, La Filarmonica di Mġarr a Mathi, xogħol il-mużiċist, kompożitur u għalliem żagħżugħ Christopher Tanti, li hu stess mexxa

l-banda waqt din is-silta mużikali. Ta' min isemmi li dan kien mument ferm importanti għalih, għax kienet l-ewwel darba li hu dderieġa banda.



Mro Tancred Grech jiddirieġi l-mass band magħmula mill-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr u l-banda Principessa Yolanda ta' Mathi waqt il-kunċert tal-Milied li ż-żewġ baned taw nhar il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018 f'Mathi

Iż-żewġ baned daqqew siltiet mużikali mexxejja u wħud minnhom b'rabta ma' żmien il-Milied. Fl-aħħar iż-żewġ baned daqqew żewġ siltiet mużikali flimkien. Waqt dan il-programm saru wkoll xi preżentazzjonijiet biex tibqa' titfakkar din l-okkażjoni speċjali. Id-diskors ta' din l-okkażjoni speċjali sar mis-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà s-Sur Joseph Caruana. Saru diskorsi oħra mis-Sindku tal-Imġarr, mis-Sindku ta' Mathi u mill-President tal-banda Principessa Yolanda. Is-Sinjorina Claudine Muscat kienet waħda mill-compères li ppreżentaw is-serata.

Wara l-programm iż-żewġ baned ħadu sehem bid-daqq ta' innijiet waqt quddiesa tal-okkażjoni li ġiet iċċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' Mathi.

Kienet esperjenza kbira u sabiħa għal din is-Soċjetà, li fetħet bibien ġodda u awgurju għal futur sabiħ mimli opportunitajiet.

Sabiex jibqa' tifkira, hawn taħt qed inġibu d-diskors tal-okkażjoni li jien dakinhar għamilt.

Diskors tal-okkażjoni – Kunċert mużikali mill-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr f'Mathi – il-Ħadd, 16 ta' Diċembru 2018

*Rispettabbli Sindku s-Sur Maurizio Faricello u s-Sindku s-Sur Paul Vella, ħuti Maltin u ħbieb tiegħi Taljani, f'isem il-President u sħabi tal-kumitat eżekuttiv tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr nagħtikom merħba. Għall-ewwel darba qed nagħmel dan il-messaġġ tal-okkażjoni f'okkażjoni speċjali iktar mis-soltu. Illum il-banda tagħna l-Imġarrin kompliet tikteb l-istorja glorjuża tagħha. Għal darb'oħra kompliet miexja 'l quddiem b'passi ta' ġgant. Dan għaliex għad li ilna biss 7 snin imwaqqfin, ġejna mistiedna mill-Komun ta' Mathi biex inkunu ambaxxaturi ta' raħalna kif ukoll tal-gżejjer*

*tagħna. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija, Joseph Caruana, li wara xhur sħaħ ta' ħidma u preparamenti, illum qegħdin hawn.*

*Illum il-banda żagħżugħa tagħna kitbet l-istorja u mmarkat l-ewwel safra tagħha. Esperjenza li żgur se tibqa' fil-memorji tagħna lkoll. Dan kollu grazzi għall-Komun ta' Mathi, li fl-okkażjoni tal-10 sena mis-siġill tal-ġemellaġġ mal-kunsill lokali tagħna għoġbu jistedinna. Hu importanti ħafna għalina dan il-jum, u żgur se nibqgħu niftakruh u nfakkruh. Illum għamilna dak li baned li ilhom snin twal imwaqqfin għadhom ma għamlux.*

*Dan kollu żgur ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx hemm l-imbuttatura ta' ħafna individwi. Fuq quddiem nett insemmi lis-Sindku tagħna Paul Vella, li emmen bis-sħiħ f'din iż-żjara u tana l-appoġġ kollu meħtieġ, u lil sħabna t-Taljani, b'mod speċjali lis-Sur Carlo Sopetti, li ħa paċenzja kbira bina biex għamilna din iż-żjara. Nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech u lill-mużiċisti kollha, li taħt it-tmexxija tiegħu preparaw sew għal dan l-avveniment. Nixtieq nirringrazzja lilkom li akkumpanjajtuna f'din iż-żjara, u lilkom, ħbieb ta' Mathi, li segwejtuna u għażiltu li l-banda tagħna tkun preżenti fil-jum tal-inawgurazzjoni tas-sede tagħkom. Aħna nifhmu kemm hu jum importanti għalikom illum li qed tinawguraw id-dar tal-banda tagħkom. Aħna wkoll għaddejjin bil-proġett tal-każin, u jekk hu possibbli għalikom ikun ta' sodisfazzjon kbir għalina li meta ninawguraw il-każin tagħna intom tonorawna bil-preżenza tagħkom.*

*Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, speċjalment lil dawk li ġew hawn mal-banda; minn qalbi nirringrazz-jahom tal-appoġġ li jagħtuni. Għadkom ma tafux kemm inħossni grat lejkom. Grazzi wkoll lill-familja tiegħi u lill-familjari ta' sħabi tal-kumitat tas-sagrifiċċju li jagħmlu.*

*Minn qalbi nixtieq nawguralkom Milied hieni u xewqat sbieħ għas-sena l-ġdida.*

*Dan id-diskors kien sar bit-Taljan.*

Ftit jiem wara r-ritorn lura Malta l-banda tagħna, nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru filgħodu, ferrħet lit-tfal tal-iskola primarja tal-Imġarr bid-daqq ta' innijiet tal-Milied fl-iskola stess. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tas-Sur Charlie Pace.



*Il-banda waqt l-attività Il-Milied mal-Banda, li fih esegwiet il-programm li kien sar f'Mathi*

Nhar is-Sibt, 22 ta' Diċembru 2018 għamilna festin tal-Milied għat-tfal fl-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Kien hemm varjetà mill-grupp 4Teenth Productions.

Il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2018 ġie organizzat coffee morning fl-Oratorju.

Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru fl-Oratorju tellajna s-serata Il-Milied mal-Banda. Dakinhar il-banda tellgħet l-istess programm li ttella' f'Mathi. Jien erġajt qrajt id-diskors tal-okkażjoni li kont għamilt f'Mathi l-Ħadd 16 ta' Diċembru. Waqt din is-serata ntwerew filmati li ġeddew il-memorja ta' din is-safra indimentikabbli. Wara ġiet organizzata ikla fis-Sala Dun Edgar b'risq il-banda.

Ix-xogħol fil-proġett tal-każin tkompla u tlestiet l-ewwel fażi, dik tal-parkeġġ. Dan żgur ma kienx iseħħ li kieku ma sibniex qlub ġenerużi u diversi voluntiera. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix lill-Onor. Ministru Dr Ian Borg, li tana l-materjal kollu u anke bagħtilna diversi ħaddiema biex iwettqu x-xogħlijiet.



*Dehra tal-parkeġġ tal-każin wara li ngħata l-konkos*



*L-Onor. Ministru Dr Ian Borg jagħmel żjara fil-każin biex jara x'qed isir u x'hemm bżonn isir*

# 2019

Nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019 għamilna coffee morning fil-maħżen tal-knisja.



*Il-banda ddoqq waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr*

Frar bdejnieh b'impenn mużikali. Dan hekk kif il-Ħadd 3 ta' Frar il-banda tellgħet programm mużikali waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Il-banda tmexxiet mis-Surmast Tancred Grech. Ingħata ċans ukoll jidderieġi l-banda l-Assistent Surmast Christopher Tanti, li mexxa l-banda waqt is-silta tiegħu stess Spring Valley, xogħol li nkiteb għal din l-attività. Mal-banda ħadu sehem ukoll it-Tenur Georg Zammit u l-kantanta Rachel Lowell.

Is-Sibt, 9 ta' Frar 2019 ġie organizzat timpana night fil-maħżen tal-knisja.

Nhar is-Sibt, 23 ta' Frar 2019 bandisti mill-banda tagħna ngħaqdu ma' dawk tal-Banda Birżebbuġa bħala parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ. Is-Surmast Direttur Tancred Grech kellu wkoll l-okkażjoni jidderieġi l-banda waqt dan il-programm imsejjaħ 'Mill-Bandisti għall-Membri'.

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Frar 2019 ġie organizzat coffee morning ieħor b'risq il-banda fil-maħżen tal-knisja.

Nhar is-Sibt, 2 ta' Marzu 2019 għamilna party tal-Karnival għat-tfal fil-maħżen tal-knisja. Għal dan il-festin kien hemm varjetà organizzata mill-grupp 4Teenth Productions ta' Ħal Qormi. Fl-istess jum filgħaxija għamilna ikla fil-maħżen. Waqt din l-ikla kien hemm varjetà minn Renato Micallef u Odessa Green.

Fil-weekend tat-23 u l-24 ta' Marzu għall-ewwel darba għamilna l-attività Maratonalbanda. Kif juri l-istess isem din kienet ġabra ta' attivitajiet b'risq il-banda. Fil-jum tas-Sibt fil-maħżen tal-knisja għamilna torti night. Waqt din l-attività kien hemm divertiment provdut minn Rachel Lowell, Leon,

Cassidy Jade & Klara, Odessa Green u Renato Micallef. Fil-jum tal-Ħadd kellna wirja ta' karozzi klassiċi, bejgħ ta' pjanti, kotba, souvenirs, ikel u xorb. Kien hemm ukoll petting farm li attira ħafna tfal li ġew jaraw il-bhejjem u ħadu xi ritratt magħhom. Il-qofol intlaħaq filgħaxija bil-gran final meta bis-sehem tal-banda grupp ta' membri ħadu sehem fiċ-Chicken Nugget Challenge. Dawn mhux talli kisbu l-ewwel rekord nazzjonali b'din l-idea imma talli għamlu propaganda enormi madwar il-gżejjer Maltin u Għawdxin. Il-filmat rawh għexieren ta' eluf ta' nies.

Fix-xahar ta' April, propju nhar it-Tnejn 15 ta' April, il-banda kellha impenn annwali. Dakinhar tellajna serata ta' marċi funebri u drama fil-knisja parrokkjali. Dan il-programm sar bil-kollaborazzjoni tal-kunsill lokali tal-Imġarr. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Tancred Grech. Ir-rappreżentazzjonijiet tad-drama kienu fdati f'idejn il-grupp 4Teenth Productions u dawn inħadmu fuq l-iskript Jien Kont, li ktibt jien stess u adattah għall-palk is-Sur Gianluca Spiteri. Dan il-programm ingħata l-isem ta' Jien Kont, bħall-istess script tad-drama, b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa li ttellgħet.




*Il-poster tal-programm ta' marċi funebri Jien Kont*



*Waqt is-serata Jien Kont*

Nhar il-Ħamis 25 ta' April għamilna coffee morning fil-maħżen tal-knisja.

Is-Sibt 4 ta' Mejju fil-maħżen tal-knisja organizzajna attività bis-sehem tal-Footsteps Line Dance Group. L-attività ngħatat l-isem ta' American Country Night. Minbarra li kilna ħadna gost flimkien f'atmosfera ta' familja.

Nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju ġie organizzat coffee morning fil-maħżen tal-knisja.



*Is-Sur Charlie Pace jmexxi l-banda waqt l-attività Flimkien għall-Banda*

Nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju ttellgħet is-serata Flimkien għall-Banda. Din is-sena saret fis-Sala Dun Edgar, li tagħmel parti mill-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Waqt din is-serata ħadu sehem flimkien mal-banda Mġarrija bandisti mill-Banda Birżebbuġa, biex b'hekk temmew il-proġett konġunt flimkien mogħti mill-Aġenzija Żgħażagħ imsejjaħ 'Nitgħallmu Nikkunċertaw Flimkien'. Il-banda kienet taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Christopher Tanti u s-Sur Charlie Pace. Mexxa wkoll il-banda s-Surmast Direttur tal-Banda Birżebbuġa Michael Bugelli.



*Waqt it-tnedija tal-website tas-Soċjetà*

Mument importanti waqt din is-serata kien it-tnedija tal-website uffiċjali tal-għaqda tagħna, proġett taħt l-Iskema ta' Għajnuna għal Inizjattivi Żgħar. B'dan il-proġett sirna l-ewwel banda fil-gżejjer Maltin li qed noffru t-tagħlim tat-teorija tal-mużika online.

Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju ġie organizzat coffee morning għand iċ-Ċavett Place.

Fil-bidu tax-xahar ta' Lulju tqassmu u nġabru l-envelopes bid-donazzjonijiet għall-ispejjeż tal-banda fil-festa.

Dan ix-xahar hu wieħed impenjattiv ħafna u bir-raġun, għax viċin ħafna tal-festa. F'dawk li huma attivitajiet soċjali ġew organizzati żewġ ikliet.

L-ewwel waħda kienet dik li saret nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju fejn is-Salib tal-Knisja. Din l-ikla saret bil-kollaborazzjoni tal-American Auto Club. Waqt l-istess ikla kien hemm wirja tal-karozzi Amerikani fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-Ħamis 18 ta' Lulju ġie organizzat coffee morning fiċ-Ċavett Place.

Nhar is-Sibt 20 ta' Lulju saret ikla fil-bitħa tal-każin. Għal din l-ikla ħadu sehem il-grupp tal-line dance mmexxija mis-Sur Joe Mifsud.



*Il-banda waqt is-servizz tagħha għall-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija*

Lulju jġib miegħu wkoll diversi impenji mużikali. Il-Ħadd 21 ta' Lulju l-banda bdiet l-impenji tagħha barra mill-Imġarr. Dakinhar akkumpanjat il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp fil-Kalkara. Nhar is-Sibt 27 ta' Lulju l-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr kienet mistiedna mill-Għaqda Festi Esterni ta' Ħal Lija biex tagħmel marċ brijuż f'dan il-lokal fl-okkażjoni tal-ħruġ min-niċċa tal-vara ta' Ġesù Salvatur. L-għada l-Ħadd 28 ta' Lulju kien imiss li l-banda ddoqq fil-festa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn billi ddoqq fil-ħruġ u d-dħul tal-vara u takkumpanja l-purċissjoni.

Wara s-servizz fil-festa tal-Iskalin, dik dedikata lil Sant'Anna, il-banda ħadet sehem fil-festa titulari ta' Santa Marija. Għamlet l-ewwel servizz fis-7 ta' Awwissu waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Imbagħad daqqejna fil-festa tat-tfal fid-9 ta' Awwissu.

L-10 ta' Awwissu 2019 kien Jum is-Soċjetà Mużikali. Dakinhar il-banda daqqet waqt il-quddiesa u mbagħad tellajna programm ta' mużika sagra fil-knisja. L-għada għamilna l-marċ ta' filgħodu. Imbagħad il-banda daqqet fl-aħħar jum tat-tridu, lejlit u nhar il-festa. Lejlet il-festa ttella' l-programm vokali u strumentali filwaqt li f'jum il-festa l-banda daqqet l-innu l-kbir fil-ħruġ tal-purċissjoni, u wara akkumpanjat il-purċissjoni minn Triq San Pawl sal-pjazza. F'nofs is-servizzi tal-festa, propju nhar it-13 ta' Awwissu 2019, il-banda, fuq stedina tal-banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, għamlet marċ brijuż fl-aħħar jum tat-tridu fil-festa tal-Assunta fl-Imqabba.

Is-servizzi għal dik is-sena ngħalqu bis-servizz waqt l-attività 'Il-Milied mal-Banda' li nżammet fis-7 ta' Diċembru 2019.



*Mro Wayne Bartolo*

Wara l-festa tal-2019 Mro Wayne Bartolo beda jieħu ħsieb is-sessjonijiet ta' music appreciation imsejħa 'A Music Journey'. Dawn ħadu post dawk ta' Music Buzz. Dan sar wara li s-Sur Andrea Cassar irriżenja minħabba raġunijiet personali. Għal dawn is-sessjonijiet kienu jattendu numru sabiħ ta' tfal. Dawn it-tfal ingħataw l-opportunità wkoll jieħdu sehem waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr li saret nhar il-Ħadd, 2 ta' Frar 2020. Ħasra li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 dawn is-sessjonijiet kellhom jieqfu ħesrem, bit-tama li jerġgħu jissoktaw kif is-sitwazzjoni tkun iktar sikura.

Kienet ilha tberren ix-xewqa li jkollna innu kbir. Għalhekk fil-bidu tas-sena 2018 jien u s-Surmast Tancred Grech konna morna nkellmu lis-Surmast Ray Sciberras biex nuruh b'din ix-xewqa u naraw hux lest jaħdmilna dan ix-xogħol. Wara tkellimna wkoll mal-awtur Joe Julian Farrugia, ħabib u ex kollega tax-xogħol tiegħi, u tlabnieh jinseġ il-versi. Hu mill-ewwel aċċetta, u qalilna li la fuq Santa Marija, kien se jagħmlu sabiħ żgur. Fil-fatt ma damx wisq ma lesta l-versi, għax propju fis-16 ta' Lulju 2018 dawn kienu lesti. Mingħajr telf ta' żmien ħadna ħsieb nibagħtu dawn il-versi lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex inġibu l-approvazzjoni tan-Nihil Obstat. Ftit jiem wara li dan it-timbru ġie akkwistat erġajna kellimna lis-Surmast Sciberras biex jibda x-xogħol tal-mużika. L-indikazzjonijiet kienu ċari: irridu innu ta' madwar nofs siegħa, bis-sehem tal-kor, tenur u sopran. Is-Surmast Sciberras lesta x-xogħol fuq l-innu l-kbir f'Awwissu 2019. Jiġifieri dan l-innu se jkun ilu madwar sentejn jistenna biex jiżżanżan. Il-ħsieb minn dejjem kien li dan jiżżanżan fis-sena tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda. L-isem li ngħata l-innu huwa ***Imbierka s-Sema***.

Waqt il-laqgħa ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2019 Jane Vassallo nħatret kaxxiera tas-Soċjetà. Dan ġara peress li minħabba raġunijiet personali Rose Apap Bologna ma setgħetx tkompli.

# 2020




*Grupp ta' tfal li jattendu s-sessjonijiet Music Journey jieħdu sehem waqt is-serata Ġieħ l-Imġarr 2020*

Nhar is-Sibt, 2 ta' Frar 2020 il-banda ħadet sehem waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr, organizzata mill-kunsill lokali tal-Imġarr.

## *It-tieni safra tal-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr*

Għalkemm is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr twaqqfet biss ftit snin ilu, din l-għaqda diġà kellha bosta suċċessi u daqqet f'bosta lokalitajiet fil-gżejjer Maltin. Mhux biss, fis-sena 2018 il-banda kellha l-ewwel safra tagħha, meta kienet mistiedna mill-komun ta' Mathi, li jifforma parti mill-provinċja tal-Piemonte u l-belt metropolitana ta' Turin, biex tagħmel servizz f'dan ir-raħal flimkien mal-banda tal-lokal. L-okkażjoni kienet is-siġill tal-ġemellaġġ li għandhom iż-żewġ irħula.

Il-ħbiberija bejn iż-żewġ lokalitajiet, u naturalment bejn il-baned tagħhom, baqgħet tikber u tissaħħaħ. Tant hu



*Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda Mġarrija flimkien ma' dik ta' Mathi fit-tielet parti tal-programm waqt li l-kor Regina Coeli kien qed ikanta l-innu popolari L-Imġarr Iben Marija*




*Il-poster li nħareġ b'rabta mas-safra tal-banda f'Napli*



*Ritratt tal-grupp li akkumpanja lill-banda Mġarrija fil-mawra li għamlet l-Italja. Ir-ritratt hu meħud quddiem il-palazz irjali ta' Caserta*

hekk li fuq stedina tal-banda Principessa Yolanda ta' Mathi, il-banda Mġarrija kellha l-okkażjoni li tagħmel programm fil-Cappella Palatina tal-palazz irjali ta' Caserta, binja ta' importanza kbira li hi patrimonju dinji tal-UNESCO. Dan il-mument żgur ser jibqa' mfakkar fl-istorja taż-żewġ baned. Flimkien mal-banda Mġarrija ħa sehem ukoll il-kor Regina Coeli tal-Imġarr.





*Il-programm ta' tifkira li tħejja apposta*

Grupp sabiħ ta' Mġarrin u ħbieb akkumpanjaw lill-banda f'din iż-żjara li għamlet fil-provinċja ta' Campania. Il-qofol ta' din is-safra ntlaħaq, bla ebda dubju, nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2020, il-jum tal-programm fil-palazz irjali. Il-preparamenti kienu ilhom għaddejjin xhur u l-istennija kienet waħda kbira ħafna. Mill-ewwel deher li kien se jkun mument impekkabbli. Waqt il-provi kien jidher entużjażmu kbir, kemm mill-bandisti kif ukoll mis-solisti u mill-koristi, li taħt id-direzzjoni tas-surmastrijiet tagħhom għamluna tassew kburin.

Sebaħ il-jum tat-Tnejn, 24 ta' Frar 2020 u wara li l-kontinġent Malti ħa l-kolazzjon, reħielha lejn Caserta, ftit kilometri 'l bogħod mill-post fejn konna qed noqogħdu f'din iż-żjara. Mal-wasla għamilna dawra fil-palazz irjali biex norjentaw ruħna. Kulħadd baqa' impressjonat b'li ra u xtaq

li jagħmel dak kollu possibbli biex kollox imur kif mixtieq. Kmieni waranofsinhar saret prova ġenerali tal-programm bis-sehem tal-kor u l-banda Taljana. Il-ħin tat-3.30pm beda joqrob u f'ħakka t'għajn il-Cappella mtliet bin-nies li ġew biex jaraw dan il-kunċert.



Ritratt tal-okkażjoni meħud wara l-kunċert li sar fil-palazz irjali ta' Caserta fl-24 ta' Frar 2020. Fir-ritratt tidher il-banda Marija Mtellgħa s-Sema flimkien mal-kor Regina Coeli u mal-membri tal-kumitat eżekuttiv, is-Sindku u l-kunsilliera tal-Imġarr

Kif kien ippjanat il-kunċert beda fit-3.30pm. Dan il-kunċert kien preżentat mill-Imġarrija Claudine Muscat. Il-programm kien maqsum fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti daqqet il-banda Mġarrija, fit-tieni parti l-banda ta' Mathi u fl-aħħar parti daqqew iż-żewġ baned flimkien. Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fetħet dan il-programm bl-innu popolari *Infaħħruk Dejjem*, li għandu l-lirika tiegħi, Joseph Caruana u l-mużika tas-Surmast Tancred Grech. Dan l-innu tkanta mis-Soprano Pauline Vella. Wara, il-banda daqqet diversi xogħlijiet oħra, fosthom *La Vergine degli Angeli*, fejn kienet



Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tiġi ppreżentata bi standard tal-Italja biex ifakkar ir-rabta li din l-għaqda għandha ma' dan il-pajjiż u ż-żewġ safriet li għamlet l-Italja fis-sena 2018 u fis-sena 2020



Is-Sindku tal-Imġarr is-Sur Paul Vella jippreżenta tifkira lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana



*Dehra tal-udjenza u l-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fil-Cappella Palatina tal-palazz irjali waqt il-kunċert*

akkumpanjata wkoll mill-kor, it-talba *Ave Maria*, xogħol il-kompożitur Malti Joseph Fenech, *Benediction*, *Amazing Grace* u *Abide with Me*. Il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr kienet immexxija mis-Surmast Direttur Tancred Grech filwaqt li l-kor Regina Coeli kien taħt it-tmexxija tas-Surmast Mary Cauchi.

Wara li l-banda Principessa Yolanda ta' Mathi daqqet fit-tieni parti, iż-żewġ baned reġgħu ngħaqdu flimkien għat-tielet parti. F'din il-parti l-banda Mġarrija għażlet li jindaqq l-innu popolari *L-Imġarr Iben Marija*, fejn għal darb'oħra ħa sehem il-kor.

Għal din l-okkażjoni nħadem ukoll programm ta' tifkira biex jibqa' mfakkar dan l-avveniment. Waqt il-programm kien hemm ukoll diskorsi tal-okkażjoni mis-sindki ta' Mathi u tal-Imġarr kif ukoll minn rappreżentanti taż-żewġ baned.

Filgħaxija ġiet organizzata ikla flimkien. Waqt din l-ikla sar skambju ta' rigali bejn il-partijiet. Il-banda Mġarrija ġiet ippreżentata bi standard tal-Italja biex jibqa' mfakkar li din il-banda żagħżugħa għandha rabtiet ma' dan il-pajjiż, kif ukoll biex jikkommemora ż-żewġ żjarat li l-banda Mġarrija għamlet fl-Italja.

Fit-18 ta' Lulju 2020 ġiet organizzata ikla fil-parkeġġ tal-każin. Ta' min jgħid li minħabba l-pandemija tal-COVID-19 din kienet l-aħħar ikla li ġiet organizzata s'issa.

# 2021

Il-kumitat dejjem jistinka biex jiġbor il-flus. Minħabba r-restrizzjonijiet biex titrażżan il-pandemija ma kienx possibbli jiġu organizzati ikliet. Għaldaqstant ħadna ħsieb biex norganizzaw attivitajiet bil-pick up jew delivery. Għalhekk organizzajna 7 attivitajiet bid-delivery. Dawn kienu f'dawn id-dati: 17 ta'Ottubru 2020, 7 ta' Novembru 2020, 5 ta' Diċembru 2020, 6 ta' Marzu 2021, 27 ta' Marzu 2021, 24 t'April 2021 u 8 ta' Mejju 2021. Għalkemm dawn kienu differenti mill-attivitajiet li tradizzjonalment konna drajna




*Il-logo tal-10 anniversarju, xogħol l-artist Għawdxi George James Cutajar Zahra*




*L-istandard tal-anniversarju qabel beda jitpitter*




*Dehra tal-logo tal-10 anniversarju fuq l-istandard il-ġdid*



*Il-kompożitur Mro Paul Abela u l-kantanta Dorcas Debono waqt ir-recording tal-kanzunetta Snin ta' Suċċess*



*Waqt il-filming tal-music video tad-diska Snin ta' Suċċess*

norganizzaw, il-qligħ minnhom flimkien ma' għajnuniet oħra għenuna biex nibqgħu ndawru r-rota.

Is-snin 2020 u 2021 kienu żmien ta' inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19 li ħakmet id-dinja. Żminijiet diffiċli ħafna għas-Soċjetà tagħna li bla ebda dubju ħallew impatt negattiv. Il-lezzjonijiet kellhom jibdew isiru online u ħesrem waqfu l-impenji mużikali u l-attivitajiet soċjali. Dan kien ifisser li l-għaqda tilfet bosta dilettanti, allievi u anke bandisti. Minbarra dan ħadet daqqa kbira fil-qasam finanzjarju, u li kieku ma kinux l-għajnuniet li ngħataw mill-gvern lokali u diversi fondi li ngħatat minn proġetti diversi, żgur li ma kienx ikun possibbli li tibqa' tiffunzjona.

Il-proġett tal-każin kellu jingħata l-ġenb peress li l-ħruġ kien qed ikun ferm ikbar mid-dħul, u l-ftit finanzi għad-dispożizzjoni tal-għaqda tħallew għat-tagħlim tal-mużika. Sħaba sewda fis-sena tal-10 anniversarju mit-twaqqif. Żgur li mhux kif kien ippjanat.



*L-awdjo tekniku Alan Schembri waqt ir-recording tas-CD tal-marċi brijużi*



*Il-banda waqt ir-recording tas-CD tal-marċi brijużi li sar f'Montekristo Estates*



*L-Assistent Surmast Mauro Spiteri flimkien mal-kompożitur Chris Sciberras u l-awdjo tekniku Alan Schembri waqt ir-recording tas-CD tal-innijiet*



*Il-banda waqt ir-recording tas-CD tal-innijiet li sar fis-sala tal-komunità, il-Mosta*

Bil-għajnuna tal-proġett Flimkien lejn l-10, iffinanzjat mill-iskema SIS (Skema Inizjattivi Żgħar) stajna ntellgħu konkors biex jintgħażel il-logo uffiċjali tal-10 anniversarju. Dan il-konkors intrebaħ mill-artist Għawdxi George James Cutajar Zahra, li b'arti kbira ddisinja logo eċċezzjonali.

Permezz tal-istess fondi nħadem standard bil-logo tal-10 anniversarju. Dan ix-xogħol sar mill-istess artist Cutajar Zahra.

Il-proġett kien jikkonsisti wkoll fi music video. Is-song ta' dan il-music video ssemmiet *Snin ta' Suċċess*. Il-lirika ġiet fdata f'idejn l-awtur Joe Julian Farrugia filwaqt li l-mużika u l-irrekordjar tagħha saru mis-Surmast Paul Abela. Is-song tkantat mill-kantanta Dorcas Debono. Il-filming u l-editjar saru mid-ditta Audiovisual taħt it-tmexxija tas-Sur Sebio Aquilina.

Is-Soċjetà ngħatat fondi oħra biex twettaq il-proġett 10 Snin Impenn Mużikali. Dan il-proġett ġie ffinanzjat mill-VOPS. Permezz ta' dan il-proġett ġie organizzat l-ewwel konkors lokali ta' marċi brijużi. Il-marċi



*Waqt il-filming ta' Binġemmafest*



*Il-banda ddoqq is-siltiet mużikali permezz tal-iPads u bil-polo shirts bl-emblema tas-Soċjetà waqt Binġemmafest*

rebbieħa ġew irrekordjati fuq diska kompatta doppja flimkien ma' marċi oħra mill-arkivju. Id-diska kompatta l-oħra kienet magħmula minn diversi innijiet, uħud minnhom ġodda, li saru apposta għall-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda. Din id-diska kompatta tnediet flimkien ma' dan il-ktejjeb, waqt l-akkademja mużikali tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda – 10 Snin Impenn Mużikali, nhar it-Tnejn, 16 ta' Awwissu, 2021.

Jien m'iniex xi poeta, imma kont ilni nixtieq li kif għamilt fl-okkażjoni tal-5 anniversarju nikteb innu qasir fis-sena tal-10 anniversarju. Wara li tkellimt mas-Surmast Direttur, flimkien iddeċidejna li nkellmu lill-kompożitur Chris Sciberras biex jagħmel il-mużika ta' dan l-innu l-ġdid. Chris mill-ewwel aċċetta u wera entużjażmu kbir. L-innu semmejtu ***Xbieha Ħelwa***. F'Marzu ngħatajna l-grant agreement tal-proġett 10 Snin Impenn Mużikali. Ftit jiem wara ddeċidejna li nagħmlu r-recording tas-CD doppja f'April. Dan kien ifisser li ma tantx kellna żmien biex dan l-innu jitlesta. Il-kompożitur ħadem fuq li ħadem biex dan l-innu tlesta u ġie kif xtaqtu jien.

Ta' min isemmi wkoll li fl-istess perjodu li l-banda rrekordjat is-CD ta' marċi brijużi, ġiet irrekordjata CD ta' marċi funebri. Ir-recording sar fl-istess post li saret is-CD ta' marċi brijużi, jiġifieri f'Montekristo Estates f'Ħal Farruġ. Din is-CD se titnieda fir-Randan tas-sena 2022.

It-tliet CDs ġew irrekordjati mill-awdjo tekniku Alan Schembri.

Il-banda ngħatat fondi mill-Unjoni Ewropea taħt miżura 2 tal-Proġett Leader, amministrat mill-GAL Majjistral, biex twettaq il-proġett Binġemmafest. Dan il-proġett minħabba l-pandemija kellu jinħadem virtwalment. Il-premiere tiegħu sar nhar il-Ħadd, 7 ta' Frar 2021. Permezz ta' dawn il-fondi nxtara ħafna apparat li tuża l-għaqda. Ta' min isemmi li xtrajna 20 iPad biex b'hekk sirna l-ewwel banda paperless fil-gżejjer Maltin. Dawn l-iPads se jibdew jintużaw waqt il-programmi tal-banda. Il-mużiċisti flok se jibdew jaqraw il-mużika, kif kien tradizzjonalment isir, bl-użu tal-mużika stampata, issa se jibdew jagħmlu dan bl-użu tal-iPad.

Waqt il-programm sagru li l-banda għamlet fil-knisja tal-Imġarr, nhar is-Sibt, 10 t'Awwissu 2019, Jum is-Soċjetà Mużikali, tħabbar li l-għaqda ordnat statwa artistika ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-iskultur Għawdxi Michael Cutajar Zahra. Ħuh George



*Id-disinn tal-kolonna tal-istatwa*



*L-aħwa Michael u George James Cutajar Zahra bid-disinn tal-kolonna u l-istatwa tas-Soċjetà*

James Cutajar Zahra ħa ħsieb id-disinn tal-bradella u l-kolonna tal-istess vara. Il-ħsieb kien li din l-istatwa tiżżanżan għall-festa tal-2020. Minħabba l-pandemija din il-ħolma kellha tiġi posposta. Nittamaw li din tkun tista' tiżżanżan fil-festa tas-sena 2022. L-għaqda ngħatat fondi mill-Unjoni Ewropea, għal darb'oħra taħt miżura 2 tal-Leader, biex tiffinanzja l-ewwel fażi tal-kolonna u l-proġett tal-bradella. Permezz tal-istess proġett, li ssejjaħ 'Decorations and Tunes', il-banda ordnat sett tubular bells.

Bl-għajnuna ta' fondi Ewropej, din id-darba taħt miżura 3 tal-Leader, l-għaqda qed taħdem biex twettaq il-proġett 'Mġarr goes Mobile'. B'dan il-proġett se tinħadem mobile app li filwaqt li tgħin l-għaqda fl-organizzazzjoni

tagħha, l-iktar fl-avvenimenti u s-servizzi mużikali, din l-għodda tintuża biex tippromwovi l-Imġarr mat-turisti u dawk li jżuruna.

F'Marzu 2021 Dr Alicia Bugeja Said inħatret kaxxiera tal-għaqda. Dan ġara peress li Jane Vassallo ma setgħetx tkompli f'din il-kariga.

Fl-istess xahar, Christopher Tanti irriżenja minn għalliem u assistent surmast tas-Soċjetà. Il-kumitat eżekuttiv reġa' inkariga lill-Assistent Surmast Mauro Spiteri biex ikompli jgħallem it-teorija tal-mużika.

Kienet ilha tberren ix-xewqa li jkollna innu kbir. Għalhekk fil-bidu tas-sena 2018 jien u s-Surmast Tancred Grech konna morna nkellmu lis-Surmast Ray Sciberras biex nuruh b'din ix-xewqa u naraw hux lest jaħdmilna dan ix-xogħol. Wara tkellimna wkoll mal-awtur Joe Julian Farrugia, ħabib u ex kollega tax-xogħol tiegħi, u tlabnieh jinseġ il-versi. Hu mill-ewwel aċċetta, u qalilna li la fuq Santa Marija, kien se jagħmlu sabiħ żgur. Fil-fatt ma damx wisq ma lesta l-versi, għax propju fis-16 ta' Lulju 2018 dawn kienu lesti. Mingħajr telf ta' żmien ħadna ħsieb nibagħtu dawn il-versi lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex inġibu l-approvazzjoni tan-Nihil Obstat. Ftit jiem wara li dan it-timbru ġie akkwistat erġajna kellimna lis-Surmast Sciberras biex jibda x-xogħol tal-mużika. L-indikazzjonijiet kienu ċari: irridu innu ta' madwar nofs siegħa, bis-sehem tal-kor, tenur u sopran. Is-Surmast Sciberras lesta x-xogħol fuq l-innu l-kbir f'Awwissu 2019. Jiġifieri dan l-innu se jkun ilu madwar sentejn jistenna biex jiżżanżan. Il-ħsieb minn dejjem kien li dan jiżżanżan fis-sena tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-banda. L-isem li ngħata l-innu huwa ***Imbierka s-Sema***.



*Dehra tal-abbozz tal-istatwa ta' Santa Marija li ordnat is-Soċjetà*



*Id-disinn tal-bradella tal-istatwa*

# Għeluq

Meta tkun qed tikteb ġrajja ta' soċjetà ħajja u mimlija entużjażmu jkun ferm diffiċli li tagħlaq, għax il-fatti u r-rakkonti jkomplu jissuċċedu kuljum. Però wieħed irid jifhem li x-xogħol għall-istampa jirrikjedi bosta jiem, u għalhekk ikun meħtieġ li tieqaf.

F'din il-ġrajja pruvajt mill-aħjar li stajt insemmi dak li għaddejna minnu flimkien biex sawwarna l-istorja tal-banda tagħna l-Imġarrin. Pruvajt ma nħalli xejn barra, u qgħadt lura kemm stajt milli nsemmi individwi, sabiex nevita li nħalli lil xi ħadd barra. Bħal kull uman jien niżbalja wkoll, u jekk tħossu li nqastkom billi ma semmejtkomx, niskuża ruħi u ninsab ċert li tifhmu li dan żgur sar bi żvista.

Wara dawn il-kelmtejn se ssibu tagħrif dwar min kien fil-kumitat tal-għaqda mit-twaqqif sal-lum. Se taqraw ukoll min kienu s-surmastrijiet li mexxew il-banda għażiża tagħna u l-għalliema li ħadu ħsieb iħarrġu l-allievi u l-bandisti tagħna fl-arti mużikali. Ma tonqosx ukoll lista tas-servizzi mużikali li għamlet il-banda tagħna sa meta dan il-ktieb intbagħat għall-istampa.

Minn qalbi nrodd ħajr lil kull min b'xi mod jew ieħor kien strumentali biex sawwar din il-ġrajja ta' **10 Snin Impenn Mużikali**.

*Joseph Caruana*

**1 ta' Awwissu 2021**

# Presidenti Onorarji

In-Nutar Dr Tony Abela

L-Onor. Dr Godfrey Farrugia

L-Onor Kav. Louis J. Vella MQR

L-Onor. Dr Ian Borg

Is-Sur Raymond Muscat

Is-Sur Michael Attard

Is-Sindku s-Sur Paul Vella

Is-Sur Paul Camilleri

Is-Sur Antoine Azzopardi

Is-Sur Giancarlo Soppetti

# Membri Onorarji

Is-Sur Nazju Schembri

Is-Sur Tony Vella

Is-Sinjura Doris Vella

L-Inġinier Mario Sammut

# Kumitati li mexxew l-għaqda mit-twaqqif sal-lum

## Kumitat Eżekuttiv 2011-2013



Wara mix-xellug: **Christian Vella, Mary Abela (Kaxxiera), Angela Muscat u Maria Vella**
Quddiem mix-xellug: **Clayton Gauci (Viċi President), Giovanni Gatt (President) u Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali)**

# Kumitat Eżekuttiv 2013-2015



Wara mix-xellug: **Sandro Muscat, Angela Muscat, Rose Apap Bologna, Maria Vella u Jesmond Muscat**
Quddiem mix-xellug: **Colin Falzon (Viċi President), Mary Abela (Kaxxiera), Giovanni Gatt (President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali) u Christian Vella**

# Kumitat Eżekuttiv 2015-2016



Wara mix-xellug: **Sandro Muscat, Christian Vella, Angela Muscat, Ġorġ Debrincat u Maria Vella**
Quddiem mix-xellug: **Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Giovanni Gatt (President) u Rose Apap Bologna (Kaxxiera)**

# Kumitat Eżekuttiv 2016



Wara mix-xellug: **Sandro Muscat, Gordon Fee, Angela Muscat, Christian Vella, u Maria Vella**
Quddiem mix-xellug: **Rose Apap Bologna (Kaxxiera), Giovanni Gatt (President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali) u Colin Falzon (Viċi President)**

# Kumitat Eżekuttiv 2017



Wara mix-xellug: **Gordon Fee, Marlon Deguara, Angela Muscat, Maria Vella u Frank Schembri**
Quddiem mix-xellug: **Christian Vella, Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Giovanni Gatt (President), Rose Apap Bologna (Kaxxiera) u Sandro Muscat**

# Kumitat Eżekuttiv 2018



Wara mix-xellug: **Angela Muscat, Gordon Fee, Dr Sonia Consiglio, Maria Vella, John Bugeja, Christian Vella u Sharon Azzopardi**
Quddiem mix-xellug: **Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Giovanni Gatt (President), Rose Apap Bologna (Kaxxiera) u Frank Schembri. Mhux fir-ritratt: Sandro Muscat**

# Kumitat Eżekuttiv 2019-2020



Wara, mix-xellug: **Damon Karl Muscat, Maria Vella, Gordon Fee, Christian Vella, Sandro Muscat, Johann Borg, John Bugeja, Sharon Azzopardi, Angela Muscat**
Quddiem, mix-xellug: **Dr Sonia Consiglio, Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Paul Vella (Sindku), Giovanni Gatt (President), Dun George J. Schembri (Kappillan), Colin Falzon (Viċi President) u Rose Apap Bologna (Kaxxiera)**

# Kumitat Eżekuttiv 2021



Wara, mix-xellug: **Christian Vella, Damon Karl Muscat, Maria Vella, John Bugeja, Angela Muscat , Sharon Azzopardi**
Quddiem, mix-xellug: **Dr Sonia Consiglio, Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Paul Vella (Sindku), Giovanni Gatt (President), Dun George J. Schembri (Kappillan), Colin Falzon (Viċi President) u Dr. Alicia Bugeja Said (Kaxxiera)**

# Dawk li kienu parti mill-amministrazzjoni tas-Soċjetà mit-twaqqif sal-lum

| | | |
|---|---|---|
| **President** | Giovanni Gatt | 2011- |
| **Segretarju Ġenerali** | Joseph Caruna | 2011- |
| **Kaxxiera** | Mary Abela | 2011-2015 |
| | Rose Apap Bologna | 2015-2019 |
| | Janie Vassallo | 2019-2021 |
| | Dr Alicia Bugeja Said | 2021 |

# Direttur Spiritwali

| | |
|---|---|
| Rev. Antoine Borg | 2011-2014 |
| Mons. Kalċidon Vassallo | 2015-2019 |
| Rev. George J. Schembri | 2019- |

# Membri fil-kumitat eżekuttiv

| | |
|---|---|
| Clayton Gauci | 2011-2014 |
| Victor Mifsud | 2011-2012 |
| Paul Said | 2011-2012 |
| Angela Muscat | 2011- |
| Maria Vella | 2012- |
| Christian Vella | 2011- |
| Sandro Muscat | 2013-2021 |
| Jesmond Muscat | 2013-2015 |
| Chris Abela | 2013 |
| Ġorġ Debrincat | 2015 |
| Colin Falzon | 2013- |
| Rose Apap Bologna | 2013-2015 |
| Roberto Apap Bologna | 2016 |
| Gordon Fee | 2016-2021 |
| Marlon Deguara | 2017-2018 |
| Frank Schembri | 2017-2019 |
| John Bugeja | 2018- |
| Sharon Azzopardi | 2018- |
| Dr Sonia Consiglio | 2018- |
| Damon Karl Muscat | 2018- |
| Johann Borg | 2018-2019 |

# Surmastrijiet li mexxew il-banda

| | |
|---|---|
| Mario Testa<br>Dip. Mus. in Bb Tuba, F.Mus.E.I.H.E.A.T.C.L. | 2011-2012 |
| Nicholas Vella ATCL | 2012-2014 |
| Tancred Grech<br>FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE | 2014- |

# Assistent Surmast

| | |
|---|---|
| Nicholas Vella ATCL | 2012 |
| Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE | 2012-2014 |
| Neville Pace FLCM, A.Mus. LCM, LL.C.M., A.L.C.M. | 2014-2015 |
| Mauro Spiteri A. (Mus.) LCM, ALCM | 2015- |
| Christopher Tanti BA (Hons) Music, MTL (Music) | 2018-2021 |

# Għalliema tal-allievi

| | |
|---|---|
| Beatrix Calleja Dip.LCM, ALCM, B.Mus.LSM | 2015-2018 |
| Henry Fenech A. (Mus.) LCM, ALCM | 2016-2018 |
| Christopher Tanti BA (Hons) Music, MTL (Music) | 2017-2018 |
| Charlie Pace | 2018 |
| Andrea Cassar FLCM, B.Ed. (Primary) Hons | 2018-2019 |
| Wayne Bartolo Dib. ABRSM (Tuba), A.T.C.L (Drumkit):<br>BA (Hons) in Tuba Performance; MTL in Music Education | 2019 |

# Servizzi mużikali li għamlet il-banda Mġarrija

| *Data* | *Okkażjoni* | *Lokalità* |
|---|---|---|
| 11 ta’ Awwissu 2012 | Tberik u inawgurazzjoni tal-banda | L-Imġarr |
| 2 ta’ Ġunju 2013 | Festa ta’ Corpus Christi | L-Imġarr |
| 13 ta’ Awwissu 2013 | Jum it-tfal – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 16 ta’ Awwissu 2013 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 17 ta’ Awwissu 2013 | Tranżlazzjoni – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 ta’ Awwissu 2013 | Marċ u programm – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 18 ta’ Awwissu 2013 | Purċissjoni – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 30 ta’ Marzu 2014 | Maratona b’risq id-Dar tal-Providenza | L-Imġarr |
| 23 ta’ Lulju 2014 | Festa ta’ Marija Addolorata | San Pawl il-Baħar |
| 27 ta’ Lulju 2014 | Festa ta’ Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 19 ta’ Awwissu 2014 | Jum it-tfal – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 22 ta’ Awwissu 2014 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 23 ta’ Awwissu 2014 | Tranżlazzjoni – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 23 ta’ Awwissu 2014 | Marċ u programm – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 24 ta’ Awwissu 2014 | Purċissjoni – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 1 ta’ Mejju 2015 | Pussess tal-Kappillan Dun Kalċ Vassallo | L-Imġarr |
| 10 ta’ Mejju 2015 | Tifkira tal-vittmi tal-gwerra | L-Imġarr |
| 17 ta’ Mejju 2015 | Maratona ta’ fundraising – Kulleġġ San Andrea | L-Imġarr |
| 5 ta’ Ġunju 2015 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 7 ta’ Ġunju 2015 | Festa ta’ Corpus Christi | L-Imġarr |
| 22 ta’ Lulju 2015 | Festa ta’ Marija Addolorata | San Pawl il-Baħar |
| 27 ta’ Lulju 2015 | Festa ta’ Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 16 ta’ Awwissu 2015 | Programm Mużika Sagra – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 18 ta’ Awwissu 2015 | Jum it-tfal – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 21 ta’ Awwissu 2015 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 22 ta’ Awwissu 2015 | Tranżlazzjoni – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 22 ta’ Awwissu 2015 | Marċ u Programm – Festa ta’ Santa Marija | L-Imġarr |
| 23 ta’ Awwissu 2015 | Purċissjoni u Programm Mużikali – Festa ta’ Sta Marija | L-Imġarr |
| 15 ta’ Mejju 2016 | Tifkira tal-vittmi tal-gwerra | L-Imġarr |
| 6 ta’ Ġunju 2016 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 27 ta’ Lulju 2016 | Festa ta’ Ġesù Salvatur | Ħal Lija |

| | | |
|---|---|---|
| 31 ta' Lulju 2016 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 4 ta' Awwissu 2016 | Festa ta' San Duminku | Il-Belt Valletta |
| 5 ta' Awwissu 2016 | Ħruġ tal-vara – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 ta' Awwissu 2016 | Programm Mużika Sagra – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 16 ta' Awwissu 2016 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 ta' Awwissu 2016 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 20 ta' Awwissu 2016 | Marċ u Programm – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 21 ta' Awwissu 2016 | Purċissjoni u Programm Mużikali – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 13 ta' Ottubru 2016 | 5 snin – Anniversarju tal-banda | L-Imġarr |
| 7 ta' Ottubru 2016 | Programm – Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| 15 ta' Ottubru 2016 | Programm – Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 3 ta' Diċembru 2016 | Il-Milied mal-Banda | L-Imġarr |
| 26 ta' Marzu 2017 | Programm ta' marċi funebri | L-Imġarr |
| 28 ta' Mejju 2017 | Open day tal-każin | L-Imġarr |
| 16 ta' Lulju 2017 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju 2017 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 30 ta' Lulju 2017 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 3 ta' Awwissu 2017 | Festa ta' San Duminku | Il-Belt Valletta |
| 4 ta' Awwissu 2017 | Ħruġ tal-vara tal-festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 11 ta' Awwissu 2017 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 ta' Awwissu 2017 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 ta' Awwissu 2017 | Programm Mużika Sagra – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu 2017 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 19 ta' Awwissu 2017 | Marċ u programm – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 20 ta' Awwissu 2017 | Purċissjoni u Programm Mużikali – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 14 ta' Ottubru 2017 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 20 ta' Ottubru 2017 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| 21 ta' Ottubru 2017 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 2 ta' Diċembru 2017 | Il-Milied mal-Banda | L-Imġarr |
| 3 ta' Frar 2018 | Programm 'Ġieħ l-Imġarr' | Iż-Żebbiegħ, l-Imġarr |
| 4 ta' Frar 2018 | Quddiesa 'Ġieħ l-Imġarr' | L-Imġarr |
| 26 ta' Marzu 2018 | Programm ta' marċi funebri | L-Imġarr |
| 6 ta' Mejju 2018 | Tifkira tal-vittmi tal-gwerra | L-Imġarr |
| 1 ta' Ġunju 2018 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 15 ta' Lulju 2018 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |

| | | |
|---|---|---|
| 27 ta' Lulju 2018 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 29 ta' Lulju 2018 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 2 ta' Awwissu 2018 | Festa ta' San Duminku | Il-Belt Valletta |
| 3 ta' Awwissu 2018 | Ħruġ tal-vara tal-festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 10 ta' Awwissu 2018 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 12 ta' Awwissu 2018 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 12 ta' Awwissu 2018 | Programm Mużika Sagra – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 16 ta' Awwissu 2018 | Marċ brijuż – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 ta' Awwissu 2018 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu 2018 | Marċ, programm vokali u strumentali – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 19 ta' Awwissu 2018 | Purċissjoni u Programm Mużikali – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 6 ta' Ottubru 2018 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| 13 ta' Ottubru 2018 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 1 ta' Diċembru 2018 | Il-Milied mal-Banda | L-Imġarr |
| 13-17 ta' Diċ 2018 | L-ewwel safra tal-banda Mġarrija | Turin, l-Italja |
| 3 ta' Frar 2019 | Programm 'Ġieħ l-Imġarr' | L-Imġarr |
| 15 ta' April 2019 | Programm ta' marċi funebri 'Jien Kont' | L-Imġarr |
| 14 ta' Ġunju 2019 | Flimkien għall-Banda | L-Imġarr |
| 21 ta' Lulju 2019 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju 2019 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 28 ta' Lulju 2019 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 7 ta' Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 9 ta' Awwissu 2019 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 10 ta' Awwissu 2019 | Jum is-Soċjetà mużikali<br>Quddiesa u programm ta' mużika sagra<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 11 ta' Awwissu 2019 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 ta' Awwissu 2019 | Festa ta' Santa Marija | L-Imqabba |
| 16 ta' Awwissu 2019 | L-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 17 ta' Awwissu 2019 | Marċ u programm vokali u strumentali –<br>Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu 2019 | Purċissjoni u Programm Mużikali – Festa ta' Sta Marija | L-Imġarr |
| 7 ta' Diċembru 2019 | Il-Milied mal-Banda | L-Imġarr |
| 2 ta' Frar 2020 | Programm 'Ġieħ l-Imġarr' | L-Imġarr |
| 24 ta' Frar 2020 | Programm mużikali fil-palazz irjali ta' Caserta | Napli, l-Italja |

# Referenzi

Minuti tal-2011, Laqgħa 1 – 4 ta' Ottubru 2011
Minuti tal-2011, Laqgħa 2 – 11 ta' Ottubru 2011
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2011
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2012
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2013
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2014
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2015
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2016
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2017
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2018
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2019
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2020
Minuti tas-Sena Amministrattiva 2021
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 12 ta' Ottubru 2011
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 23 ta' Novembru 2012
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 1 ta' Novembru 2013
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 28 ta' Novembru 2014
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja – 4 ta' Mejju 2015
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 22 ta' Jannar 2016
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 25 ta' Novembru 2016
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 27 ta' Novembru 2017
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 5 ta' Diċembru 2018
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 12 ta' Novembru 2019
Minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 28 ta' Jannar 2021
Ktieb ta' tifkira Tberik u Inawgurazzjoni tal-Banda (2012), pġ. 6, 48-52, 87-89, 135
Ktieb tal-Festa 2013,paġni 40-49,51-63,85
Ktieb tal-Festa 2014, paġni 6, 10-11, 44-47, 54-65, 72-73, 89, 157-160
Ktieb tal-Festa 2015, paġni 6, 58-67, 77-78, 88, 98-99
Ktieb tal-Festa 2016, paġni 6, 64-70, 76-77, 80, vii-viii
Ktieb tal-Festa 2017, paġni 6, 69-80, vii-viii, 100-103
Ktieb tal-Festa 2018, paġni 6, 64-78, 80, vii-viii
Ktieb tal-Festa 2019, paġni 3, 64-80, vii-viii, 96-101
Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema Mġarr, Marzu 2021, 27 ta' Lulju, 2021 – www.bandamgarr.com

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u Organizzazzjonijiet Volontarjii parti mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.*

*Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi, u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.*

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR VOLONTARJU

REĠJUN TRAMUNTANA

vops Voluntary Organisations Project Scheme

GVERN TA' MALTA SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-ISPORT, RIKREAZZJONI U L-GĦAQDIET VOLONTARJI

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D.2011

Kull Dritt Riservat ©